# IL-PRESEPJU

Ħarġa 86 - Diċembru 2015



*Fuljett maħruġ mill-*
*Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta*

c/o Amaltea, 56, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU
Malta
1986

Newspaper Post

Fuljett maħruġ kull tliet xhur
mill-Għaqda
Ħbieb Tal-Presepju,
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza
għandha tiġi indirizzata*
lis-Segretarju,
is-Sur Charles A. Bellia
'Amaltea'
56, Triq il-Marġ,
Attard ATD 2382,
Malta

**IL-PRESEPJU**
jitqassam lill-membri
tal-Għaqda u għalhekk
biex tirċevih ħallas
il-miżata ta' €5 kull sena
lill-kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
tagħkom ħalli jinfdew
il-ħlasijiet ta'
l-istampar huma ferm
apprezzati.

Apprezzament speċjali jmur
għas-Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb
il-'proof-reading'

# Werrej

L-Editorjal ........ 3
Kelmtejnmill-President ........ 4
Vedi Napoli… ........ 5
Il-Mexxej Tal-Ġnus ........ 7
Il-Presepju tal-Karmnu fl-Imdina:
bejn il-qadim u l-ġdid ........ 8
Mid-Djarju tagħna ........ 10
Għax kien il-Milied ........ 13
It-Tlettax-il Santa Claus imqarba ........ 14
Il-festa tal-Kunċizzjoni ........ 17
Il-Bażilika tal-Presepju ........ 19
Ġrajjiet storiċi li ġraw
f'Jum il-Milied matul is-snin ........ 23
Il-Bambin ........ 26
Il-Presepju Jġib il-Għaqda ........ 28
Il-Milied jista' jkun għal dejjem ........ 30
Iċ-ċkejkna Gretchen u żarbuna tal-injam ........ 33
Il-Miġja tal-Messija ........ 35
Paġna tat-Tfal ........ 36
Is-siġra tal-Milied ........ 38

**Stampat:** BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi.
Tel: 2168 0789, 2164 9012
bestprint@maltanet.net

**Setting:**
**Aldo Busuttil**

**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta, tixtieq tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**

# L-Editorjal

Kemm kienet sabiħa l-atmosfera ta' dak iż-żmien meta twieled il-Bambin ġo l-għar ta' Betlem. L-anġli niżlu mis-sema bl-aħbar ta' ferħ u PAĊI fuq l-art lil nies ta' rieda tajba. Niżlu qtajja', qtajja jduru fuq il-Palestina, jħabbru l-aħbar lir-rgħajja li ġie fostna l-Feddej, li ser ikun il-mexxej tal-ġnus kollha. Feġġet il-kewbka fis-smewwiet tmexxi lis-Slaten Maġi lejn il-post fejn Alla sar bniedem. Dehret fis-sema mdawla b'dija liema bħala. Imxiet u għamlet xogħlha sabiex twassal lill-ġnus għal biex iħossu l-ferħ f'qalbhom.

Din kienet ix-xena li nafu aħna elfejn sena ilu fil-belt ta' David. L-iċken fost iċ-ċkejknin. Il-belt ta' Betlem. Illum storja differenti. Flok anġli neżlin u tilgħin iħabbru l-paċi, neżlin bombi jew missili qerrieda fuq poplu li ma jaħti xejn. Nies jinqatlu minħabba nies ta' rashom iebsa li jridu jibqgħu jirrenjaw, jiggranfaw mas-siġġu tal-poter. Fl-art tal-paċi hemm dmija mal-art, toroq miksija b'vittmi nnoċenti. Djar imġarrfa, trabi maqtula, familji sparpaljati, mifruda bla ma jafu fejn qegħdin il-mara jew ir-raġel aħseb u ara t-tfal. Nies jaħarbu minn arthom. Imbasta min qiegħed jikkmanda jibqa' mxaħxaħ fuq dak is-siġġu tad-deheb. Jagħti l-ordnijiet biex dawk ta' madwaru jkomplu jħarrxu t-tbatijiet fuq is-sudditi tiegħu. DAN X'HINU? Dan ġenn? Dan egojiżmu? Jew inkella ħdura bħal fi żmien Erodi.

Ma nafx x'naqbad ngħid..... Jien xi kultant ma nistax nifhem x'inhu jiġri. Nibda nibża' nikkummenta fuq dan il-fatt u nasal biex nistaqsi......Kif jista' jkun li Alla li ta lil Ibnu lill- umanita biex iġib il-paċi u jeqred il-firda fost il-ġnus, jippermetti dan kollu li jseħħ? Nibża' nistqarr xi ħaġa bħal din, għax ngħid bejni u bejn ruħi jien min jien biex nifhem il-pjanijiet Tiegħu? Kemm nixtieq li nerġa' nara l-anġli neżlin bl-aħbar tal-paċi, bit-trombi jdoqqu l-għanjiet tal-Milied. Nerġa' nilmaħ lir-rgħajja sejrin lejn dak l-għar bil-merħla tagħhom jaduraw lit-tarbija ta' Betlem. Kemm nixtieq ma narax aktar aħbarijiet u nisma' li dak ħarab minn pajjiżu għax hemm...hemm l-inkwiet...kemm nixtieq li nqum u nerġa' nħoss iż-żiffa tal-bidla..... fejn nerġa' nara poplu jħobb lil-poplu ieħor....fejn ġnus jgħinu lil ġnus oħra. Kemm nixtieq!!!!

**Frans Chircop**
**Editur**


**Betlehem Bazaar**

59, Triq Melita, Valletta
Tel: 2744 0760 • Mob: 7944 0760

Fejn issibu:
Pasturi tad-ditta Moranduzzo 'Landi' minn 3.5cm sa 30cm
Pasturi tat-Tafal ta' Malta
kif ukoll varjetà ta' Aċċessorji għall-Presepju

# Kelmtejn mill-President



Andrew Spiteri
President

Ħbieb,

Wasalna biex intemmu sena oħra ta' ħidma b'risq il-presepju. Fi ftit ġimgħat oħra niltaqgħu biex flimkien nirringrazzjaw 'l Alla li żamm idejH fuqna matul it-tnax-il xahar li għaddew u nagħlqu s-sena flimkien.

Kienet sena impenjattiva ħafna għall-Kunsill Amministrattiv u l-ftit membri li taw sehemhom. Barra l-attivitajiet li saru u li taqraw dwarhom fid-djarju tal-Għaqda, din is-sena ridna nirrinovaw is-sala l-kbira kif ukoll nagħtu dehra aktar diċenti lill-kamra ta' barra. Fis-sala żidna purtieri ġodda li għalihom kellna nwaħħlu wkoll 'railings' u bdilna d-dwal li kien hemm ma' oħrajn aktar adattati u b'inqas konsum. Flok biċċiet ta' drapp mas-saqaf, fil-kamra ta' barra sar soffitt ġdid u xi dwal li jikkumplimentawh.

Konna ilna ngħidu li kellna bżonn bank ġdid biex minn fuqu ssir it-tmexxijja tal-wirja, tingħata informazzjoni u jsir bejgħ ta' biljetti. Dan issa wasal bl-għajnuna ta' xi membri u ser inżanżnuh mal-ftuħ tal-wirja.

Din is-sena ġejna mistiedna biex intellgħu wirja ta' presepji fil-Montekristo Estate, Hal Farruġ. Din ser tkun estensjoni tal-wirja fil-Belt billi parti kbira mill-presepji ser jiġu trasferiti hemmhekk wara l-20 ta' Diċembru.

Qed ngħid dan kollu mhux biex niftaħar kemm ħdimna, imma biex inħeġġeġ lil dawk li jistgħu jagħtu daqqa t'id jersqu 'l quddiem u jgħinu fix-xogħol tal-Għaqda li jsir matul is-sena kollha. Tajjeb nirrealizzaw li l-Għaqda mhix tal-Kunsill Amministrattiv biss, imma tal-membri kollha u għalhekk kulħadd għandu jħossu fid-dmir li fil-waqt li jakkwista informazzjoni u tagħlim mill-attivitajiet li jsiru, hu stess jgħati xi ħaġa lura billi jgħin f'dawn ix-xogħlijiet.

Finalment nieħu din l-opportunita biex f'isem il-membri tal-Kunsill, nawgura lilkom u l-familji tagħkom Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija Risq u Paċi.

**PORTELLI & PISANI Ltd.**

Importers & Distributors of
Religious Articles - Holy Statues
- Candles - Gifts - Christmas Items



224, St. Joseph High Road, Ħamrun - Malta
Tel & Fax: (00356) 2124 1656 • Mob: 9942 5380
e-Mail: porpis@melita.net

# Vedi Napoli...

**Dr William Azzopardi**
LL.D.

Kull belt fiha l-kuntrasti, imma Napli ma fihiex biss kuntrasti. Fiha wkoll estremi.

Estremità fir-rikkezza u faqar, estremità fil-veduti li jsaħħru u 'slums' tal-waħx, ħwienet lussuzi u bankarelli ta' sitt ħabbiet, estremità fir-raffinar, fl-arti u sbuħija imbagħad żibel u taħżiż …hija belt fejn l-isfond barokk jieħu l-ħajja bin-nies tat-triq, jixtru, jbiegħu, jilagħbu l-karti, ipaċpċu, jieklu… dejjem f'nofs it-triq.

U fl-ebda belt oħra, għall-inqas li naf jien, ma ssib presepju, s-sena kollha fl-istazzjon tal-ferrovija, presepju kbir u dettaljat. Napli hija forsi l-iktar belt fid-dinja marbuta mal-presepju. Imkien ma ssib ir-reqqa, x-xogħol, is-sengħa, t-tradizzjoni u l-arti li l-artiggjani jiddedikaw lill-presepju. U mhux fil-Milied biss, imma s-sena kollha. Infatti, f'kull żmien tas-sena, tista' tmur fi Triq San Gregorio Armeno, tammira u jekk trid, tixtri mhux biss pasturi, imma kull xorta ta' aċċessorju li tuża fil-presepju inkluż biċċiet tas-sufra, għerien.... hawn jissejħu *capanne*, pontijiet, mtieħen u siġar.

Mingħajr il-ħwienet tal-presepji, San Gregorio Armeno kienet tkun triq żdingata u tat-tkexkix. L-istudjużi jgħidu li t-tqassim tat-toroq għadu dak tal-griegi klassiċi. Minħabba l-għoli tal-palazzi u d-djuq, hija mudlama ħafna, qisha palk vojt u antik, jistenna l-miġja tal-atturi prinċipali, l-pasturi. Il-ħitan għolja u l-isqaqien kif ukoll l-art taċ-ċangatura ġa jdaħħluk fl-atmosfera, qabel ma titfa' ħarstek fuq il-pasturi. U propju fid-dlam, jispikkaw il-bozoz fuq il-ħarir fin u l-għajnejn tal-ħġieġ tal-pasturi espressivi, fi tgeġwiġija sfrenata mhux tant biex jaraw il-Bambin imma biex jagħmlu affarihom, idendlu l-affarijiet għall-bejgħ, jargumentaw, jinnegozjaw, jixorbu fit-taverni, jorqdu…saħansitra rajt fil-presepju annimali jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom. U pasturi Via San Gregorio Armeno fiha ħafna, minn pasturi ta' eluf ta' euro sa oħrajn tal-ħabba gozz. Hija propju bażaar, anġli mdendlin fuq rasek, statwi ta' kull daqs, grottot, bozoz, ħaxix, bejjiegħa jisimgħu l-mużika naplitana waqt li jgħaddi mkaxkar miegħek xi tifel mdendel fuq mutur illi jġenġel it-triq.

Il-*presebbio* jirrifletti ħafna l-ħajja tat-toroq ta'din il-belt romantika u kaotika, liema ħajja fil-beraħ għadek tara sal-lum minħabba li ħafna nies huma kostretti joħorġu barra peress li djarhom, huma ħafna minnhom, antiki, mudlama u klawstrofobiċi.

Il-presepisti naplitani ma jagħmlux sempliċement presepji artistiċi, imma jġeddu wkoll tradizzjoni qaddisa u sagrosanta li ilha ġejja mill-anqas mis-setteċento u li splodiet fl-ottoċento. Hawn min igħid li fl-inhawi ta' din it-triq fi żmien il-griegi kien hemm diġa' artiġġjani li kienu jagħmlu figuri li kienu jintużaw għal skopijiet reliġjużi. Biex jagħmlu l-pasturi, l-presepisti jużaw it-terrakotta, l-injam u l-wire; l-uċuh u l-idejn huma miżbugħa bl-acrylic, ħafna drabi d-dettalji huma biż-żebgħa taż-żejt. L-għajnejn tal-figuri jkunu tal-ħġieġ u l-ħwejjeġ ħafna drabi tal-ħarir ittrattat. Peress li l-ħwienet tal-pasturi huma wieħed ħdejn l-ieħor u għal kull għadma hemm mitt kelb, il-presepisti ma tantx jitkabbru u jitkellmu miegħek b'umilta' u b'qalbhom miftuħa. Jien sibthom lesti biex jispjegawlek teknika u ideat, ta' kif tibni presepju,

ta' kif jagħmlu l- oġġetti stika, fosthom per eżempju, il-*carnaruttar*, jew il-karettun tal-laħam, il-fliexken, il-ħobz, il-frott u tant aċċessorji oħra li jagħmlu bil-ġibs jew bix-xama'. Kważi kważi iżjed issaħħart nara l-aċċessorji milli nara l-pasturi nnifishom. U x'ingħidu għall-isfond tal-pasturi? Ħafna drabi jkunu kolonni u rovini Rumani mitlufa fil-blat. Ir-raġuni illi jintużaw rovini hija mhux biss simbolika, għaliex ir-reliġjon nisranija farrket il-paganiżmu imma wkoll waħda loġika minħabba li l-inħawi ta' Napli fihom ħafna rovini Rumani u Griegi klassiċi, fost l-iżjed magħrufa hemm dawk ta' Pompeii.

Imma l-presepji naplitani mhumiex famużi biss għas-sbuħija u d-dettall imma wkoll għaliex fihom propju lil kulħadd. Mhux ir-rgħajja u l-maġi biss, imma n-nies ta' kuljum, ta'dari u tal-lum. L-iktar figura maħbuba bħalissa hija l-wisq maħbub Papa Franġisku li sab ruħu kważi f'kull ħanut. Issibu ukoll kantanti, plejers tal-futbol, politikanti u nies famużi oħra bhal Madre Teresa ta' Calcutta, Bill Gates u Lady Diana.

***Vedi Napoli e poi muori***. Ara Napli u tista' tmut. Għal uħud, Napli hi maħmuġa u kaotika wisq. Għal oħrajn, hi poeżija, hi kanzunetta. Forsi llum Napli m'għadhiex il-belt l-iżjed favorita mat-turisti. Għall-inqas mhux daqs kemm kienet fi żmien il-Grand Tour u Byron u Keats. U kemm il-Kristjaneżmu qered il-paganizmu huwa llum dibattibbli. Iżda l-artiġġjani baqgħu inaqqxu, jlibbsu u jpittru l-figuri tagħhom sena wara sena, bl-istess imħabba u ħila li kellhom il-presepisti ta' żmien ir-re Karlu III.

Ara l-presepju Naplitan u tpaxxa, tbissem u stagħġeb.

# Għanijiet

## tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju

**huma:**

*• Li l-presepju jkompli jinbena fil-familji Maltin fil-Milied*

*• Li tkabbar aktar sens ta' ħbiberija fost id-dilettanti tal-presepju*

*• Li tappoġġja x-xogħol tal-artisti u tal-kittieba fejn jidħol artiġġjanar u letteratura konnessi mal-presepju*

*• Li torganizza korsijiet u lectures konnessi mal-bini tal-presepju*

*• Li twaqqaf wirja permanenti tal-presepju*

*• Li toħloq relazzjonijiet kemm fuq bażi nazzjonali u internazzjonali ma' entitajiet simili. Dawn ir-relazzjonijiet iservu għal bdil ta' aħbarijiet kif ukoll għal pubblikazzjonijiet dwar xogħlijiet tal-presepju.*

# Il-Mexxej Tal-Ġnus

**Joseph Bonnici**

Kien hemm nies kbar li rawk,
bħal re tal-ġnus ġej hawn,
biex tħenn u tħobb lill-fqir,
jgħix kwiet bil-frott ta' dawn.

Kien hemm xi ħjiel lill-Lhud,
taw ħsieb għax sa tkun sid,
għax żgħir u kbir sa tmiss,
u trodd lil dawn il-gid.

F'għar ġejt minn kif bdejt tgħix,
bla sibt it-tron ta' re,
għax ridt tkun qrib iż-żgħir,
tgħin, u għad-deheb għadt le.

Tfajt dawl lejn tul it-triq,
li ftaħt biex ġie l-għatx lejk,
għax ħfirt ir-ruħ bid-dnub,
u sqejt is-sew int bdejt.

Il-ferħ għan-nies hu ta,
mal-ħruġ mill-ġuf tal-omm,
biex seħħ il-kliem li sar,
tassew, mhux biss bil-fomm.

Sar vjaġġ għal dawk li ridt,
tkun rahan għax ġa fid-dnub;
għal dan int ġejt 'l hawn,
u rajt dawn tawk il-ġnub.

Tajt qalb lil min ried jaf,
għal bżonn li xtaq fil-mard;
biex tħobb u b'hekk sar dan,
għax ra li qatt m'hu tard.

Dan kien ix-xogħol li bih,
lil ta' fuq, lill-ġnus ta,
għax ħa ħsieb sa minn żgħir,
dawl kien għal dak li ra.

03-05-2015

# Ringrazzjament speċjali

jmur lill-Patrijiet Franġiskani
talli jogħġobhom jisilfuna s-sala ta' kull sena
sabiex intellgħu l-Wirja Annwali ta' l-Għaqda Tagħna.

Lil kull min b'xi mod jew ieħor jagħti l-għajnuna tiegħu
fl-armar tas-sala, fil-materjal tal-fuljett,
lill-familjari tagħna kif ukoll lill min ġie jżur il-wirja.

Grazzi

# Il-Presepju tal-Karmnu fl-Imdina: bejn il-qadim u l-ġdid

**Patri Charlo Camilleri**
O.Carm



Wieħed mill-attrazzjonijiet fil-Knisja tal-Karmnu fl-Imdina, kien il-presepju li jmur lura għall-aħħar tas-seklu 19, bidu tas-seklu 20. Ix-xjuħ tal-Imdina jgħidu li dejjem jiftakruh fil-Knisja, fil-kmajra tonda in-naħa tax-xellug eżatt kif tidħol fil-Knisja. Dal-presepju, maħdum mill-gazzetti, karti, u kartun kien ikun armat is-sena kollha bil-pasturi tat-tafal u l-kartapesta, li fadal biss xi ftit minnhom, maħdumin mill-patrijiet stess. Magħrufin għal dawn il-pasturi kien hemm Patri Telesfru u Fra (Lu)Dovik.

Dan ta' l-aħħar kien ukoll jaħdem xi presepji għan-nies tar-Rabat u l-Imdina. Xi ħadd qalilna li għadu sal-lum jgħożż il-presepju ta' Fra Dovik. Il-presepju tal-Kunvent kellu xena miżbuha fuq il-ħajt tal-kmajra, drapp blu skur bil-bozoz warajh kien jagħti dehra ta' sema, il-grotta ewlenija n-naħa tax-xellug bi pjanura quddiemha mimlija nagħaġ u pasturi. Fuq wara u n-naħa tal-lemin, djar u belt ċkejkna u xi għerien oħra.

Kellu wkoll l-anġli mdendlin fl-arja iħabbru t-twelid ta' Sidna Ġesù. Biż-żmien, għax dejjem kien jinsteraq xi pastur jew tnejn, żdidulu oħrajn tat-tafal u l-kartapesta maħdumin fil-forma mill-Italja. Dan il-Presepju baqa' marbut ma' P. Telesfru, Karmelitan ta' fama qaddisa, magħruf għat-tjubija tiegħu u għall-mod devot u miġbur li bih kien joffri s-sagrifiċċju tal-quddiesa. Dawk li jiftakruh baqgħu jsemmu kif il-quddiesa tiegħu kienet ittul xi ftit iktar minħabba li waqt il-konsagrazzjoni kien bħal donnu jinsa li qed jgħix fiż-żmien u jintilef quddiem l-Ewkaristija f'idejh. P. Telesfru, li miet fis-snin sebgħin, kien dejjem jirranġa f'dal-presepju u jżid u jaħdem il-pasturi. dawk li kienu għadhom tfal dak iż-żmien, meta jasal il-Milied kienu jehdew jgħinuh iħejji dal-presepju għall-festi tal-Milied bid-dwal, jirranġa xi pastur, u l-bqija.

Sfortunatament dan il-presepju therra biż-żmien hekk li ma baqax ikun miftuħ fil-jiem tal-Milied. Il-patrijiet bħal donnhom qatt ma riedu jmissuh, minħabba t-tifkira qaddisa ta' P. Telesfru. Biex jitranġa u jissewwa kien meħtieġ li jiżżarma kollu u jinbidlulu partijiet sħaħ li sfrundaw. Il-parir kien li jiżżarma u jsir ieħor ġdid. Għaldaqstant ħadd ma ried jieħu dal-pass

minħabba r-rabta sentimentali ma' P. Telesfru.

Għal xi snin is-Sur Alfred Tonna kien jarma l-presepju fil-kantina jew f'xi post ieħor fl-Imdina għall-wiri fi żmien il-Milied. Din is-sena, iddeċidejna li nżarmaw dan il-presepju "ta' P. Telesfru" u naħdmu ieħor ġdid b'xebħ miegħu, l-ewwelnett sabiex tinżamm it-tradizzjoni tal-presepju fil-Karmnu tal-Imdina bħala attrazzjoni u wkoll biex tinżamm it-tifkira ta' P. Telesfru. Għaldaqstant iddeċidejna wkoll li jintużaw ukoll il-pasturi antiki tat-tafal ta' P. Telesfru, dawk li ġew warajhom, u nżidu pasturi oħra adatti sabiex nimlewh. Il-Presepju li se jkun armat fil-Knisja qegħdin insejħulu presepju kateketiku, għax il-forma li fiha maħdum u l-elementi li se jkun fih kollha se jkollhom tifsira li tgħinna nieqfu nirriflettu dwar il-misteru tal-Inkarnazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.



# ĠURNATA GĦAWDEX

## Nhar is-SIBT 26 TA' DIĊEMBRU, 2015

***Inżuru għadd ta' presepji***
***maħduma minn dilettanti Għawdxin***
***kif ukoll BETLEM f'GĦAJNSIELEM***

**Nitilqu minn ħdejn l-istatwa ta' KRISTU RE fil-Furjana fis-7.15 a.m.**
**u niġu lura mal-Vapur tal-5.15 p.m.**

**Aktar informazzjoni u Booking waqt fil-wirja...**
**in-numru jkun limitat... għalhekk aħseb kmieni!**

# Mid-Djarju tagħna...

**Charles Bellia**
Segretarju

Il-Malti jgħid: Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna 'l ħadd! Għalina d-dilettanti tal-presepju din hija iktar mill-verita. Inkunu għadna kemm temmejna sena ta' ħidma u nsibu ruħna qed nippreparaw biex nibdew nibnu presepju ġdid. L-arloġġ tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta ma jieqaf qatt. Nixtiequ kieku, wara l-Wirja Annwali nieħdu ftit mistrieħ, imma meta nippruvaw, insibu li jkun wasal iż-żmien għal xi attivita oħra li nkunu ppjanajna biex l-Għaqda tibqa' ħajja u miexja' l-quddiem.

Hekk ġara wara li nhar il-Ħadd 21 ta' Diċembru, 2014 għalqet il-Wirja ta' Presepji fis-Sala San Franġisk. Bdejna naħsbu biex naraw liema presepji ser inżuru f'Għawdex meta nhar is-26 ta' Dicembru naqsmu l-fliegu bi grupp ta' madwar 50 dilettant/a biex naraw x'kienu qed joffru l-ħbieb tagħna Għawdxin. Din id-darba żorna presepji fir-Rabat, ix-Xagħra, Nadur u spiċċajna Għajnsielem fejn kien reġa ntrama' l-presepju ħaj. Sadanittant it-temp beda jikrieħ u ħsibna li jkun aħjar jekk noqorbu lejn l-Imġarr. Il-vjaġġ miċ-Ċirkewwa għall-Furjana kien wieħed silenzjuż. L-arja Għawdxija kienet għamlet tagħha u l-irjus bdew jitqalu bi nagħas.



Is-Sibt 3 ta' Jannar, 2015 iċċelebrajna egħluq is-sena b'quddiesa u festin żgħir fis-Sala San Franġisk, il-Belt. Kienet serata sempliċi bħas-soltu. Fr Jimmy Bartolo SJ iċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr li għaliha attendew numru sabiħ ta' membri. Wara kulħadd naqqar xi ħaġa u bill griżmejh sakemm sar il-ħin biex jitqassmu ċ-ċertifikati u tokens lil dawk li offrew il-presepji tagħhom għall-Wirja Annwali li kienet għalqet ftit ġranet qabel. Din is-serata tibqa' f'moħħna għax għal ħafna minna kienet l-aħħar darba li ltaqgħu ma' ħabiba kbira tal-Għaqda, Tessie Darmanin, li marret tiltaqa' mal-Bambin Ġesú ftit xhur wara. Dak inhar Tessie kienet ferħana għaliex fuq xewqa tal-Kunsill tal-Għaqda hi mexxiet il-kant waqt il-quddiesa ta' Radd il-Ħajr.



Xi ftit jiem wara waslu l-presepji li kellna f'Acitrezza, fi Sqallijja. Konna diġa qed naħsbu għall-Laqgħa Ġenerali. Din is-sena kien imissna neleġġu l-Kunsill Amministrattiv għas-sentejn 2015/2016, għalhekk ridna li nippreparaw kollox sa l-inqas dettal. Għalkemm ftit li xejn ikollna tibdiliet fil-Kunsill, ir-regolamenti tal-istatut

iridu jkunu osservati.

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali saret nhar l-4 ta' Marzu, 2015 fiċ-Ċentru għall-Volontarjat fil-Belt Valletta. Dan kien possibbli minħabba li l-Għaqda hija reġistrata mal-Uffiċċju tal-Volontarjat. Numru mhux ħażin ta' membri attendew għal din il-laqgħa u l-participazzjoni fid-diskussjonijiet li saru kienet waħda interessanti. Dan juri li għalkemm il-Kunsill Amministrattiv igawdi l-fiduċja assoluta tal-membri, dawn ta' l-aħħar ma jiddejqux jitolbu spjegazzjoni dwar dak li jkun sar mill-istess Kunsill. Dan jgħin biex l-Għaqda tibqa' titmexxa fit-triq it-tajba u bis-serjeta li jixirqilha.



Nhar it-30 ta' Marzu, 2015 kien Ħadd il-Palm u bħas-snin ta' qabel organizzajna dawra ma' numru ta' wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żabbar, il-Fgura, Birgu, Bormla u Raħal Ġdid. Ma kellniex grupp kbir ħafna, imma kulħadd apprezza x-xogħolijiet li rajna minn dilettanti Maltin li ħaqqhom kull tifħir għall-mod li bih huma wkoll qed iżommu t-tradizzjoni Maltija ħajja.

Minn Mejju 2015 sa' Awwissu 2015 fis-Sala San Franġisk kienet għaddejja ħidma ma taqta' xejn. Bdejna b'sensiela ta' tliet lectures minn daqstant artisti. Alfred Camilleri Cauchi tkellem u ddiskuta mal-membri tagħna dwar il-ħsieb u x-xogħol involut fil-produzzjoni ta' biċċa skultura. Victor Agius, artist Għawdxi, tkellem dwar in-Nativita fl-arti, fil-kult reliġjuż u fil-folklor. It-tielet laqgħa saret ma' Pawlu Muscat, artiġjan li jaħdem il-pasturi tat-tafal bi stil Malti. Din is-sena użajna l-posta elettronika u l-sms biex ħeġġiġna l-membri jattendu għall-lectures li kienu suċċess. Iktar minn ħamsin membru kienu preżenti fis-Sala għal kull lecture.

Immedjatament wara bdejna l-kors dwar il-bini tal-presepju. Tlieta u erbgħin persuna, ta' sess u eta' differenti, fosthom membri u ħbieb oħra tal-Għaqda ġew biex huma wkoll isiru jafu u jmiddu jdejhom fil-bini tal-presepju. Iktar ma bdew għaddejjin il-ġimgħat u l-presepji bdew jieħdu l-forma, iktar kiber l-entużjażmu sakemm lejn tmiem Awwissu madwar 40 persuna telqu mis-sala ferħanin li huma wkoll irnexxielhom jibnu presepju. Naturalment hawnhekk ta' min jgħid li, għalkemm il-kors tmexxa minn Charles Bellia u Adrian Theuma li bħas-soltu qasmu l-parteċipanti fi tnejn, min jaħdem bil-karti u min bil-jablo, l-għajnuna ta' membri oħra tal-Kunsill Amministrattiv u membri veterani oħra ma naqsitx u għinet biex il-kors seta' jimxi b'ritmu tajjeb.

Settembru din is-sena kien xahar impenjattiv ħafna għall-Kunsill u membri oħra li taw sehemhom. Dan għaliex matul dan ix-xahar sar xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fis-Sala San Franġisk li ser iwassal biex il-Wirja Annwali ta' Presepji issir dejjem iktar attraenti u organizzata. Ix-xogħol kien jinvolvi bdil ta' fildiferru u soffitti fis-soqfa, ħjata ta' purtieri għal-ġnub tas-sala u kostruzzjoni ta' '*reception counter*'. Twaħħlu wkoll xi dwal ġodda biex dejjem innaqqsu l-konsum u nsebbħu aktar il-post. Dan kollu ser iservi biex il-wirja tal-Għaqda tagħna ssir dejjem aktar organizzata. Grazzi lil kull min għin b'xi mod.

Wasalna għal Ottubru. Din is-sena il-Kunsill iddecieda li flok parteċipazzjoni fin-Notte



Bianca, issir serata għall-membri ftit ġranet wara. Għalhekk fis-7 ta' Ottubru, inċidentalment f'egħluq id-29 sena tal-Għaqda, għamilna attivita imsejjħa '*table show*' fis-Sala San Franġisk. Din l-attivita ħadet il-forma ta' fiera żgħira fejn membri tal-Kunsill u membri oħra, organizzati fuq imwejjed armati apposta, urew oġġetti u aċċessorji għall-presepju u ddiskutew mal-membri, li attendew f'numru sabiħ, il-metodu li bih inħadmu dawn il-prodotti. Kellna min qed jaħdem il-palm, jiżboħ pasturi, min jaħdem xi djar u bini ieħor, min jagħmel xi fuklar, min jippjana jew jiżboħ il-presepju. Kellna wkoll wirja dwar kif isiru l-pasturi tat-tafal fuq stil Malti fil-waqt li fuq mejda oħra kien hemm geġwiġija ta' bozoz, LED's, wire u transformers. Hawnhekk żewġ membri tal-Kunsill kienu qed jispjegaw l-użu ta' dawn l-oġġetti fil-presepju. Kienet mejda li qajmet interess partikolari, forsi anke minħabba l-fatt li intużaw għall-ewwel darba l-LED's li barra milli għandhom konsum baxx ħafna, ħajjithom hija ħafna itwal minn ta' bozza normali. Din l-attivita kienet suċċess ieħor għall-Għaqda. Il-kummenti li waslu mingħand il-membri indikaw li din għandha tkun attivita annwali u li tista' tkun żviluppata aktar.

F'Ottubru wkoll beda x-xogħol fuq l-armar tas-sala għall-Wirja. Bħas-soltu l-entużjażmu beda jiżdied. Anke l-membri li ġew jgħatu daqqa t'id żdiedu. Dawk li għalihom kienet l-ewwel darba, malajr integraw ruħhom mal-oħrajn u f'kemm ili ngħidlek, is-sala ħadet id-dehra tal-wirja, din is-sena bil-purtieri minn fuq s'isfel u bi dwal li ser joħolqu ambjent veru sabiħ.

Sfortunatament mużew tal-presepju li nfetaħ sena ilu fil-Belt Valletta kellu jiżżarma minħabba nuqqas ta' konkorrenza. Il-Kunsill tagħna kien mitlub jgħin fiż-żarmar ta' kwadri u oġġetti oħra, xogħol li l-membri involuti għamluh b'għafsa ta' qalb, għax kien proġett veru sabiħ, anke jekk l-Għaqda tagħna kellha sehem żgħir ħafna fih. Bħala kumpens għall-għajnuna mogħtija d-diretturi ta' dan il-mużew irregalaw materjal ta' dwal u tiżjin ieħor li eventwalment ser isebbħu aktar il-wirja tagħna.

Matul Novembru tkompla x-xogħol ta' armar bi preparazzjoni għal Wirja Annwali 2015 li bħal ta' qabilha jidher li ser tkun waħda b'livell tajjeb. Nistiednu lill-membri kollha jiġu jżuru din il-wirja u fil-waqt li japprezzaw dak kollu li sar minn ħbieb tagħhom, jgħatu appoġġ, anke jekk biss morali, lill-ħidma mwettqa mill-Għaqda tagħna biex il-presepju jibqa' fiċ-ċentru tal-Milied Malti.

# GĦAX KIEN IL-MILIED

Alfred Palma

Kebbet lil binha tarbija
ġo fisqija,
l-omm-xebba...
rassitu ma' qalbha,
u ħarġet tiġġerra fit-toroq imżejna...
(għax kien il-Milied!)
U fittxet bħall-bieraħ,
fir-reżħa xitwija,
lil dak li kien 'ħabbha'
u ħalliha...
ħalliha waħidha, ilsira tat-tama,
li xegħlet ġo fiha mat-toroq imżejna
(għax kien il-Milied!)
U fittxet bħal dari,
fl-irkejjen moħbija ta' qalbha,
il-ħolma tal-bieraħ...
u nefħet fuq binha
nifs sħun li sar karba
u talba:
biex Alla jismagħha,
u jħenn għad-dwejjaq tagħha...
(għax kien il-Milied!)
Iżd'hi ma sabitux
lil dak li kien 'ħabbha'
u ħalliha...
U reġgħet mifnija lejn darha,
biex terġa' mill-ġdid tfarra' qalbha mid-diqa
fuq binha:
bambin bħall-oħrajn,
ġewwa niqa.
U fetħet u daħlet,
u għalqet warajha
l-għanjiet ferriħija tat-tfal jiksru s-skiet...
(għax kien il-Milied!)



# It-Tlettax -il Santa Claus imqarba

**Frans Chircop**

Meta kont inqalleb ftit l-Internet, iltqajt ma folklore Iżlandiku u għoġobni. Qatt ma kont smajt b'din li qrajt.

Fl-Iżlanda l-Milied jiċċelebrawh bħal kull pajjiż ieħor. Pero' qatt ma smajt li flok Santa Klaus wieħed kien hemm tlettax. Dawn ma kinux kwieti u ġenerużi bħal Santa Klaus li nafu aħna. B'dawn it-tlettax –il Santa, ma tantx kienu jieħdu gost kemm it-tfal kif ukoll il-kbar. Dawn iż-żgħażagħ oriġinaw fl-Iżlanda. Dawn huma figuri fil-folklore Iżlandiż li fil-ġurnata tallum ħadu l-post ta' Santa Klaus f'pajjiżna. Ta' min jinnota li dan in-numru dejjem jinbidel iżda fil-preżent ġie stabbilit għall-tlettax. Jingħad li dawn kienu jpoġġu xi rigali jew tuffieħa mħassra, fiż-żarbuna, skond l-imġiba tiegħu tul is-sena li tkun ser tispiċċa. Kull lejl, qabel il-Milied xi wieħed miż-żgħażagħ iżur lil kull tifel jew tifla.

L-oroġini tagħhom

Dawn iż-żgħażagħ kif għedna ġejjin mill-folklore tal-Iżlanda. In-numru tagħhom kien ivarja skont ir-reġjun u tajjeb li wieħed jgħid li mhux kullħadd kien jarhom fl-istess lenti. Hemm minn dawn il-*Yulemen* (Santa Klaus), li kienu nebbiexa jew kattivi żżejjed.

Fis-sena 1932 ħarġet poeżija *"Jolasveinarnir"* li kienet tagħmel parti mill- ktieb *"Jólin Koma"* li tfisser "Il-Wasla tal-Milied". Il-poeta kien *Jóhannes úr Kötlum.* Permezz ta' din il-poeżija l-Iżlandiżi reġgħu ftakru fil-folklore ta' pajjiżhom ta' żmien il-Milied. Kien hawn li numru ta' tletax –il żgħażugħ tal-Milied, mhux hekk biss, anke sar magħruf ukoll il-karattru ta' kull wieħed bil-karatteristiċi speċifiċi tagħhom.

Iż-żgħażagħ tal-Milied kienu magħrufa li kienu ftit jew wisq imqarbin u kultant kienu anke goffi f'għemilhom. Daqqa kienu jittantaw lil xi ħadd, jinbxuh jew jisirquh. L-aktar li kienu jaqbdu kien ma' xi bidwi. Dawn iż-żgħażagħ hawn min jgħid li kienu ulied it-Trolls. Dawn xogħlhom kien li jbeżżgħu lit-tfal li joqogħdu mqarbin fi żmien il-Milied. Dawn iż-żgħażagħ kienu jġorru magħhom il-"Qattus tal-Milied". Skont it-tradizzjoni dan il-qattus kien lest jiekol lil dawk it-tfal li ma jirċevux ħwejjeġ ġodda għall-Milied!




Mal-mogħdija taż-żmien dawn iż-żgħażagħ qed isiru aktar magħrufa li għandhom qalbhom tajba – speċi ta' Father Christmas.

Anke l-ħwejjeġ saru jixbħu lil dawk li jxidd l-istess Father Chriastmas-minkejja li xi wħud minnhom jilbsu medjovali.

**Dawn huma t-tlettax-il Santa Klaus (Trolls) mqarbin tal-Iżlanda**

| L-Isem bli-Iżlandiż | L-Isem bl-Ingliż | Deskrizzjoni | Jasal | Jitlaq |
|---|---|---|---|---|
| Stekkjarstur | Sheep-Cote Clod | Jittanta lill-mgħoż, imma jsibha dificċli minħabba saqajh irqaq | 12 ta' Diċembru | 25 ta' Diċembru |
| Giljagur | Gully Gawk | Jistaħba fil-gandotti dojoq jistenna l-okkażżjoni biex jisraq l-ħalib | 13 ta' Diċembru | 26 ta' Diċembru |
| Stúfur | Stubby | Nanu u jisraq it-twaġen biex jiekol li jkun fadal | 14 ta' Diċembru | 27 ta' Diċembru |
| Þvörusleikir | Spoo-Licker | Jisraq mgħarfa tal-l-injam irqiqa ħafna | 15 ta' Diċembru | 28 ta' Diċembru |
| Pottaskefill | Pot-Scraper | Jisraq li jkun fadal mill-ikel | 16 ta' Diċembru | 29 ta' Diċembru |
| Askasleikir | Bowl-Likcker | Jistaħba taħt is-sodda biex jisraq il-borom bl-għatu | 17 ta' Diċembru | 30 ta' Diċembru |
| Huröaskellir | Door-Slammer | Jsabbat il-bibien bil-lejl | 18 ta' Diċembru | 31 ta' Diċembru |
| Skygámur | Skyr-Gobbler | Jisraq il-yoghurt | 19 ta' Diċembru | 1 ta' Jannar |
| Bjúgnakrœkir | Sausage-Swiper | Jistaħba fit-travi tas-saqaf u jisraq iz-zalzett | 20 ta'Diċembru | 2 ta' Jannar |
| Gluggagœgir | Window-Peeper | Jittawal mit-twieqi biex jisraq xi ħaġa | 21 ta' Diċembru | 3 ta' Jannar |
| GáttaÞefur | Doorway- Sniffer | Għandu mnieħru twil ħafna u jxomm ħafna biex jisraq il-ħobż | 22 ta' Diċembru | $ ta' Jannar |
| Ketkrókur | Meat-Hook | Jisraq il-laħam bil-ganċ | 23 ta' Diċembru | 5 ta Jannar |
| Kertansníkir | Candle-Stealer | Jiġri wara tfal biex joħdlihom ix-xemgħa li kient tkun tista' tittiekel | 24 ta' Diċembru | 6 ta' Jannar |

Hekk tajna daqqa t'għajn lejn Father Christmases b'differenza. Ngħid għalija qatt ma kont naf li hawn oħrajn daqshekk imqarbin. Hawn Malta konna ngħidu li jekk ma toqgħodx bravu, fil-Milied il-Bambin kien iġiblek faħma flok rigal. Tgħid l-antenati tagħna kienu diġa semgħu b'dawn it-talin? Minn jaf!!!

Referenza:

1Celebrating Christmas with 13 trolls
2 Bad Santas
3 Eve Online Introduces the "Yule Lads"

# PISANI

**219 St. Joseph High Str.,Hamrun**
**Tel: 99822645 / 99476778**



Għażla kbira ta':

Presepji Naplitani
Sufra u Djar,
Ġarar, Bombli u reċipjenti oħra tal-fuħħar
Ħaxix artifiċjali u naturali, Siġar u palm
Varjeta ta' dwal.

Pasturi artistici tat-Terra cotta
Pasturi mekkanizzati
Muturi tal-Imtieħen
Nixxijat bl'ilma



**Għażla tajba ta' Pasturi tal-plastic għal prezz ta' € 1.00**

## SemagoTrading Co. Ltd

**219, St Joseph High Street, Hamrun**
**Tel: 99822645 / 99476778**

# Il-festa tal-Kunċizzjoni

## il-bieb tad-drawwiet tal-Milied f'Malta

**Joseph Carm Camilleri**

Diċembru hu mimli daqs bajda bil-festi. Hemm il-festa tar-Repubblika (13 ta' Diċembru) u l-festa tal-Milied (25 ta' Diċembru). Hemm ukoll il-festa tal-Kunċizzjoni ( 8 ta' Diċembru).F'Malta din il-festa tfisser l-aħħar tal-istagun tal-festi. Din il-festa ssir fuq skala parrokkjali f'Bormla u fuq skala ta' knisja konventwali fil-Belt Vittorja.



It-8 ta' Diċembru tfisser ftit jiem qabel il-festa magika tal-Milied. Għalhekk ħafna drawwiet tal-Milied jibdew f'dan il-jum marjan. L-ewwel ħaġa hemm id-drawwa li l-omm tiżra' l-ġulbiena u l-qamħ fi plattini żgħar jew skutelli bi ftit tajjar taħt u minn żmien għall-ieħor issaqqihom. Wara kienet iddaħħalhom f'post mudlam biex kemm jista' jkun dawn jikbru dritti dritti u ta' l-lewn isfar. Hemm ukoll l-iskalora. Din tikber ħamranija. Sa lejlet il-Milied dawn kienu jikbru twal u kienu joħorġuhom u jpoġġuhom quddiem il-presepju jew quddiem xi xbiha ta' Ġesù Bambin. Din id-drawwa għadha ħajja għalkemm naqset ħafna.

It-tieni drawwa marbuta mal-festa tal-Kunċizzjoni hija l-bidu tal-kunċerti f'xi remissa jew ħanut tax-xorb jew tal-inbid. Din id-drawwa mietet. Kien hemm drawwa f'lejlet il-Milied li xi raħlin kienu jduru triq triq idoqqu u anke xi drabi jgħannu. L-istrumenti li kienu jużaw kienu aktarx magħmulin mir-raħlin stess. Dawn kienu ż-żaqq, it-tanbur u ż-żufżafa. Xi drabi kienu jużaw ukoll il-kitarra u l-kastanjoli. Dawn l-instrumenti kienu jinxtraw. Ta' min jgħid li f'Għawdex, id-daqqaqa u l-għannejja kienu wkoll jidħlu fil-knisja li kienet tkun qed tiġi ppreparata għall-quddiesa ta' nofsillejl. Dawn id-daqqaqa kien jidħlu fil-knisja u jitilgħu sal-altar maġġur biex jibdew idoqqu quddiem Ġesù Ewkaristija.

It-tielet drawwa hija marbuta wkoll mal-festa tal-Kunċizzjoni hija t-tħejjija tal-presepji. Hawn wieħed jibda jaħseb fuq il-presepju, kif ser iqassmu, x'tip ta' materjal ser juża. Kulħadd għandu d-drawwa tiegħu. Hawn min iħobb presepju tal-karta pesta. Oħrajn jibnuh tal-ġebel jew biċċiet tal-blat. Il-gagazza issa spiċċat minn wiċċ Malta. Oħrajn ikunu jriduh tas-sufra. Mitt bniedem mitt fehma. Ghalhekk il-baqra tinbiegħ kollha jgħid il-Malti.

Ir-raba' drawwa hija waħda pjuttost ġdida – il-ħelu tal-Milied. L-omm tibda taħseb fl-inġredjanti tal-kejk tal-Milied u tal-pudina. Hawn min jagħmel ukoll il-qagħaq tal-għasel, iżda dawn huma ftit għalkemm qed jiżdiedu minn sena għall-oħra. Din id-drawwa bdiet wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Is-sufle' jsir aktar tard. Is-sufle hija xi ħaġa Maltija li twieldet minn idejat tal-kċina tan-Navy u RAF fi żmien l-Ingliżi.

Il-Kunċizzjoni għandha d-drawwiet tagħha, kollha kemm huma marbutin mal-festi tal-Milied. F'Malta ħafna familji jħallu darhom u jmorru wasla sa Bormla u f'Għawdex ħafna jżuru l-knisja konventwali tal-patrijiet franġiskani tar-Rabat.

# Ta' Valletta

## L-ikbar għażla ... bl-aqwa prezzijiet





**● Bambini ta' Spanja, tal-Italja u ta' Malta**
**● Pasturi ta' kull daqs u tip ● Presepji ● Siġar tal-Milied**
**● Xema ta' kull tip u daqs**
**● Statwi titulari ta' Malta u Għawdex ● Rigali**
**● Kartolini u wrapping paper, u kull ma tista' timmaġina għat-tiżjin tad-dar jew post tax-xogħol tieghek**

**Uri dan ir-riklam meta tiġi tixtri mingħand Ta' Valletta u tingħata skont ta' 5%**

**Ta' Valletta – 222A High Street, Hamrun HMR06**
**Tel: 2702 6262 Mobile: 9942 1683 -7923 9157**
**e-Mail: cedric@tavalletta.com**
**website: www.thechristmasshop.com.mt**

# Il-Bażilika tal-Presepju

**Alex Powell**

Il-presepju jgħaqqad lil Betlem, il-post tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, u lil Ruma flimkien. Dan għaliex, li filwaqt li f'Betlem sar l-ewwel presepju aktar minn elfejn sena ilu bil-miġja tas-salvazzjoni u f'dan il-post hemm imwaqqfa l-Bażilika tan-Nativita, f'Ruma m'għaddiex żmien wisq meta ngħata bidu għal santwarju li jfakkar il-presepju, l-bażilika ta' Santa Maria Maggiore. Il-konnessjoni ta' din il-bażilika prinċipali mal-presepju wasslet biex saħansitra tkun magħrufa bħala Santa Maria ad Praesepe

Santa Maria Maggiore hija waħda mill-erba' Bażiliċi Papali (l-oħrajn huma l-Lateran, San Pietru u San Paolo fuori le mure) u li flimkien ma' San Lorenzo fuori le mure kienet waħda mill-ħames bażiliċi patrijarkali sal-2006. It-titlu Maggiore jirreferi mhux biss għall-importanza tagħha fl-istorja tal-kristjaneżmu imma wkoll bħala l-akbar tempju Marjan f'Ruma.

## Bażilika Liberjana

Skond il-leġġenda, fil-5 t'Awissu tas-sena 352, xi abitanti fuq l-Eskwilinu f'Ruma stagħġbu mhux ftit meta raw parti mill-għolja miksija bis-silġ, u dan fl-eqqel tas-sajf Ruman. Fl-istess żmien kien rivelat lil wieħed aristokratiku Ruman u martu, li l-Madonna xtaqet li fuq dik l-għolja tinbena knisja dedikata lilha. Dawn kienu mingħajr tfal u allura ma kellhomx min jiret ġidhom u għalhekk wegħdu l-wirt tagħhom lill-Verġni Mqaddsa Marija Omm Alla. Meta mbagħad sar magħruf li l-Papa ta' dak iż-żmien, San Liberju (352-366) kellu l-istess ħolma, ma kien fadal l-ebda dubju u mill-ewwel beda x-xogħol fuq din il-knisja f'dak il-post. Il-knisja kienet magħrufa bħala l-Bażilika Liberjana għall-Papa li waqqafha, Mill-1568 sal-1969, il-Missal Ruman jirreferi għaliha bit-titlu l-Madonna tas-Silġ b'konnessjoni mal-festa tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika fil-5 t'Ottubru. Din id-dedikazzjoni tfakkar il-ġrajja tas-silġ fuq l-Eskwilinu. Jingħad li l-Papa Liberju ħa ħsieb li jitwaqqaf xi forma ta'presepju primittiv, li kien saqaf ta' stalla, popolarment magħruf tettoie, minn zkuk tas-siġar.

Illum diffiċli tgħid x'fadal mill-Knisja Liberjana. Il-bażilika tkompliet mill-Papa Sistu III (434-440), li hu mfakkar bi skrizzjoni man-nava maġġura li tgħid Yxstus, Episcopus, Plebi, Dei: Sistu Papa tal-Poplu t'Alla. Il-bażilika issa kienet iddedikata lil Marija Omm Alla biex tfakkar id-domma tal-fidi li kienet proklamata fil-Konċilju ta' Efesu li sar fl-431. Fost l-oħrajn, il-Konċilju ta' Efesu jitkellem dwar l-ereżija ta' Nestorju, l-patrijarka ta' Kostantinopli, li Marija kienet biss Omm Ġesù bniedem u għalhekk wera d-dubju dwar l-espressjoni Omm Alla u li għandha tissejjaħ biss Omm Ġesù. il-Konċilju ta' Efesu, li kien imsejjaħ mill-Imperatur Teodozju II sar bejn Ġunju u Lulju tas-sena 431 waqt il-pontifikat ta' San Ċelestinu I (423-432), iżda d-digrieti tiegħu kienu approvati mill-Papa Sistu III fil-31 ta' Lulju 432, ipproklama lil Ġesù Kristu veru Alla u veru bniedem u għalhekk il-Verġni Mqaddsa, Ommu, hija tassew Omm Alla. Biex titfakkar din il-proklomazzjoni, man-navi saru xeni fil-mużajk li jirreferu għall-maternita tal-Verġni Marija skond l-Evanġelju. Minn dan iċ-ċiklu hemm nieqsa ix-xena tat-twelid ta' Ġesù. Dan in-nuqqas jiftiehem biss bl-oratorju li sar fil-kripta tal-bażilika minn Papa Sistu



Il-Bażilika Liberjana

II li kienet propju dedikata lin-Nativita ta' Ġesù Kristu. Dan l-oratorju jingħad li nbena b'ġebel li nġieb minn Betlem stess. L-oratorju issejjaħ Domus Sanctae Genetricis (id-dar tal-Imqaddsa Maria)., u aktar tard sar magħruf bħala Praesepe. Sa fejn hu magħruf, jidher li hawn kienet l-ewwel darba li l-kelma Presepju ntużat b'konnessjoni mat-Twelid ta' Ġesù. Il-kelma praesepe, bil-Latin tfisser stalla. L-istalla kellha mportanza kbira fil-kitbiet u fl-arti bikrija tan-Nativita. Minn dak iż-żmien 'il quddiem il-kelma Presepju baqgħet tfisser kull forma ta' arti dwar il-ġrajja tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.

F'dan l-oratorju daħlet l-użanza li titqaddes il-quddiesa f' nofsillejl tal-Milied, meta l-Papa kien iqaddes għall-kongregazzjoni żgħira.

## Salus Populi Romani

Wieħed mit-teżori meqjuma f'dan l-oratorju kien kwadru tal-Madonna li tradizzjonalment jingħad li tpitter minn San Luqa magħrufa bħala Theotokos, Omm Alla. Jingħad li dan il-kwadru inġieb Ruma minn Sant' Elena u ttieħed fil-Bażilika mill-Papa Liberju. Dan il-kwadru magħruf bħala Salus Populi Romani: Salvazzjoni tal-Poplu Ruman, kien ittieħed fi proċessjoni ta' devozzjoni fis-sena 593 mill-Papa San Girgor il-Kbir (590-604) fi żmien imqanqal, meta l-Belt ta' Ruma kienet maħkuma mill-pesta u mill-biża ta' invażjoni mill-Barbari. Waqt il-manifestazzjoni deher San Mikiel Arkanġlu fuq il-Ħajt ta' Adrijanu, illum Castelgandolfo, jislet is-sejf bħala sinjal li Marija Omm Alla kienet salvat il-Belt ta' Ruma. Il-kwadru llum jinsab fil-Kappella Borghese tal-Bażilika.

Kienu diversi l-papiet matul is-sekli li wrew id-devozzjoni lejn l-Omm tas-Sema bil-ġieħ li taw lil dan il-kwadru. Hawn insemmu li l-papa preżenti, Papa Franġisku, l-għada tal-elezzjoni tiegħu mar jitlob quddiem din ix-xbieha.

## Relikwarji



Waħda mir-relikwi

Fil-pontifikat tal-Papa Teodoru (642-649) li kien mill-Palestina, diversi relikwi mportanti tan-Nativitŕ ġew trasporati minn Ġerusalemm għal Ruma. X'aktarx li dan it-trasferiment tar-relikwi sar minħabba l-biża ta' attakki mis-Seraċini. Fis-sena 649, il-Patrijarka ta' Ġerusalemm San Sofronju ma tħalliex iqaddes fil-grotta tal-bażilika tan-Nativitŕ f'Betlem u għalhekk ried iserraħ moħħu minn dawn ir-relikwi. Il-knisja fil-punent kienet toffri aktar sigurta. L-għażla

naturali kien is-santwarju ta' Santa Maria ad Praesepe, kif kien qed jissejjaħ kemm minħabba l-kripta presepjali u issa aktar minħabba r-relikwi tan-Natività. Ir-relikwa ewlenija kienet dik tal-maxtura tal-Bambin li hija l-aqwa teżor li għadu meqjum fil-Bażilika taħt l-artal maġġur. Fil-pontifikat ta' Piju IX (1846-1878), ir-relikwi li jikkonsistu f'erba' biċċiet ta'njam, sarilhom relikwarju tal-fidda u l-kristall mid-disinjatur Giuseppe Valadier. Quddiem din ir-relikwa saret statwa imponenti tal-istess Papa Piju IX, li ddikjara d-domma tal-Immakulata Kunċizzjoni fl-1854, jitlob quddiem ir-relikwa.

## San Gejtanu

Wieħed mill-akbar qaddisin marbuta mal-presepju u l-messaġġ tiegħu, San Gejtanu ta' Thiene, ukoll għandu rabta kbira ma' Santa Maria Maggiore. Huwa twieled Viċenza, fil-Lombardija fl-1480. Hu mar Ruma fl-1506, fejn wera mħabba kbira lejn il-batuti. Għal dan l-iskop ingħaqad max-Xirka tal-Imħabba Divina biex idur bil-morda, l-moribondi u l-ħabsin. Kien ordnat saċerdot fl-1516 u qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu fuq l-artal ta' Santa Maria ad Praesepe minħabba d-devozzjoni kbira tiegħu għall-misteru tal-inkarnazzjoni. F'dan l-istess post li jfakkar it-twelid divin tal-Iben t'Alla quddiem ir-relikwa tal-maxtura imqaddsa, sena wara, fl-1517, propju fil-lejl qaddis tal-Milied, Gejtanu ra lil Marija Santissma tnewwillu lil binha Ġesù tat-twelid. Fl-1528 kiteb lil Suor Laura Mignani, 'Fis-siegħa tal-wisq imqaddes twelid tiegħu, jien ersaqt lejn il-maxtura, u mħeġġeġ mill-maħbub missier, l-Imqaddes San Ġlormu (li l-għadam tiegħu jinsabu fil-kripta taħt il-maxtura) li tant kien devot tal-maxtura mqaddsa, ilqajt minn idejn il-Verġni Safja, l-protettriċi tiegħi,li kienet għadha kemm saret omm, l-Iben Qaddis tagħha, li permezz tiegħu, il-Verb Etern sar bniedem.' Din il-ġrajja kompliet tħeġġeġ in-nar f'qalb il-qaddis lejn il-ġrajja tat-twelid tal-Iben t'Alla, u din id-devozzjoni lejn il-presepju mqaddes għaddiha lill-Ordni tat-Tejatini imwaqqfa minnu, approvata mill-Papa Klement VII fl-1524. Fl-1533 hu kien l-ewwel superjur tal-ordni tiegħu f'Napli. Hawnhekk hu bena knisja bħala tifkira tal-Presepju dedikata lil Santa Maria della Stalletta L-istess imħabba wasslitu biex f'Napli jibda jarma l-presepju b'xi tip ta' pasturi mlibbsa u huma ħafna li jżommuh bħala dak li ta bidu għat-tradizzjoni popolari tal-presepju Naplitan.

Hawn issemma San Ġlormu, li għadda parti kbira minn ħajtu fl-Art Imqaddsa, jittraduċi l-iskrittura Mqddsa għal-Latin u ħalla ħafna kitbiet. Fost l-oħrajn hu jgħid li f'Betlem huwa ra l-maxtura li fiha tqiegħed is-Salvatur tagħna minn Ommu l-Verġni Mqaddsa Marija. Il-fdalijiet tiegħu kienu trasportati lejn Ruma u ndifnu propja fil-kripta ta Santa Maria Maggiore.

## Arnolfo di Cambio

Fis-seklu 13 l-oratorju tal-presepju kien qed jiġi restawrat. F'dawn iż-żminijiet, l-iskultur u arkitett Fjorentin Arnolfo di Cambio ħadem sett statwetti li juru n-natività. Dan is-sett , kummissjonat mill-ewwel Papa Franġiskan Nikol IV, hu meqjus bħala l-ewwel sett statwetti (pasturi), għaliex aktarx sa dak iż-żmien, forom ta' presepji



skulturati kienu biss f'forma ta' basso riljevi. Minkejja li xi awturi juru dubju dwar jekk kienx di Cambio li tabilħaqq ħadem dawn l-istatwi u jgħidu li seta ġabhom biss f'Santa Maria Maggiore, il-kapaċita tal-artist hija ndiskutibbli. Xogħlijiet oħra tiegħu huma l-qabar fl-irħam tal-Kardinal de Braye f'San Domenico f'Orvieto, l-istatwa fil-bronż ta' San Pietru fil-bażilika ta' San Pietru tal-Vatikan u statwa ta' Karlu t'Anjou. Hu kien ukoll l-arkitett tal-Katidral ta' Santa Maria del Fiore ta' Firenze, li skolpixxa wkoll il-faċċata tiegħu, kif ukoll il-knisja ta' Santa Croce f'Firenze wkoll. Arnolfo di Cambio twieled f'Colle di Valdelse lejn is-sena 1245 u miet 1302/3 ġewwa Firenze.Ix-xena f' Santa Maria Maggiore tinkludi t-tlett maġi, l-madonna, li l-oriġinal hija mitlufa u dik li teżsiti hija kopja, San Ġużepp u l-irjus tal-ħmar u l-gendus.

Meta waqt il-pontifikat tal-Papa Sistu V (1585-1590) kienet qed tinbena l-kappella tas-Sagrament bil-monument funerarju għall-istess Papa fuq il-kripta tal-Presepju u li baqgħet tissejjaħ il-Kappella Sistina (ta' Santa Maria Maggiore), l-Kripta sarulha xi ħsarat u għalhekk dak li naraw illum huwa riżultat tat-tibdil li sar fis-seklu 16.

**Riferenzi:**


Presepi Artistici e Popolari ta' Luciano Zeppegno. De Agostini (1968)

The Christmas Crib ta' Nesta de Robeck. Burns, Oates & Washbourne Ltd. (1938)

Il Presepe Napoletano ta' Franco Mancini. Societa' Editrice Napoletana (1983)

Del Nome di Santa Maria Ad Praesepe-1854 ta' Francesco Liverani, Kessinger Publishing (2010)

Internet site ta' International Marian Research Institute ta' M. Duricy


# EGĦLUQ IS-SENA - 2015

## NHAR IS-SIBT 2 TA' JANNAR, 2016

**FIS-SALA SAN FRANĠISK, TRIQ MELITA, VALLETA**
**MILL-5.30 P.M. IL-QUDDIEM**

**Programm:**
**QUDDIESA TA' RADD IL-ĦAJR**
**RIĊEVIMENT**
**TQASSIM TA' TOKENS, ĊERTIFIKATI**

***Biljetti jinkisbu mis-Sala San Franġisk, Triq Melita, Valletta waqt il-Wirja Annwali ta' Presepji.***

Prezz tal-biljett: Kbar €2 Tfal sa 11-il sena: b' Xejn

# Ġrajjiet storiċi li ġraw f'Jum il-Milied matul is-snin

Jessie Chircop

Il-Milied huwa magħruf biex dak li jkun jiftaħ ir-rigali li jkun qala', jiekol mal-familja xi ikla speċjali kif ukoll joqgħod jixxaħxaħ wara l-ikla kbira ma'dawk in-nies speċjali għalih. Pero' ma rridux ninsew li hawn ħafna ġrajjiet li seħħew lejlet jew nhar il-Milied. Tajjeb li wieħed joqgħod bil-qiegħda u jaqra....



## Jum il-Milied ta' 1990

Tafu li f'dan il-jum sar l-ewwel test tal-Internet? Kien mument speċjali meta ***"info.com.ch"*** dehret fuq l-ewwel "web server". Min jaf x'konna nagħmlu mingħajr l-imbierek ta' Internet?!



## Il-Waqfa mill-ġlied fl-ewwel gwerra dinija

Tiftakru li f'xi ħarġa ta' xi snin ilu kont għidtilkom li waqt l-ewwel gwerra dinija dik ta bejn 1914 u 1918, is-suldati "alleati" u l-Ġermaniżi għamlu "ħbieb" f'lejlet il-Milied. Waqfu mill-ġlied, kielu u xorbu flimkien, pejpu xi sigaretti....u saħansitra lagħbu logħoba football kontra xulxin. Il-ferħ kien jirrenja sakemm saru jafu l-kbarat taż-żewġ naħat u reġa' kollox għal li ikien...qtil bla sens. Dan il-mument maġiku tal-waqfien mill-ġlied sar darba biss.



## Twieled ġenju

Ġrajja ta' importanza kbira fil-kamp matematiku kien it-twelid ta' Sir Isaac Newton. Dan kien skopra il-liġi tal-gravita. Kien propju fil-25 ta' Diċembru 1642 li d-dinja rat is-twelid tiegħu. Apparti li kien matematiku kbir, kien għamel riċerka kbira fejn tidħol l-ottiku ( li għandu x'jaqsam ma' l-għanejn jew mas-sens tal-vista).

## Miet kumidjant kbir



F'jum il-Milied id-dinja tilfet kummidjant kbir tal-films silent. Qed nirreferi għall-Charlie Chaplin. Kien fil-25 ta' Diċembru tal-1977 meta' tħabbret il-mewt tiegħu fl-eta ta' 88 sena. Huwa miet waqt li kien rieqed. Fost l-aqwa films li ħadem wieħed ma jridx jinsa' l-films "The Tramp (1915) u "The Great Dictator (1940).

## Il-Ġirja fl-ispazju

Kien lejlet il-Milied tal-1968, meta l-Amerikani li kienu għadhom kemm bagħtu ftit jiem qabel satellita bl-isem ta' Apollo 8, bdew jirċievu l-informazzjoni li din kienet daħlet fl-orbitu ta' pjaneta oħra....dik tal-qamar. Biex ifakkru dan l-avveniment hekk kbir l-astronawti kien bagħtu messaġ speċjali tal-Milied minn fuq l-Apollo 8. Kienu bagħtu wkoll xi ritratti kif ukoll qraw siltiet mill-ktieb tal-Ġenesi.

## L-isbaħ għanja tal-Milied




Issa li daqt ġej il-Milied, ħafna minna jarmaw ikantaw l-għanja tant popolari ta' Silent Night jew kif nafuha aħna l-Maltin bħala dik ta' Lejl tas-Skiet. Din l-għanja ilha 'l fuq minn 200 sena tindaqq, għal bidu fuq il-kittara għax il-pjanu kien bil-ħsara, imbagħad ġiet irranġata għal l-instrumenti l-oħra. Naħseb li ħafna tfal l-ewwel li jitgħallmu tkun din l-għanja tal-Milied.

## Beda jisfaxxa l-Kommunizmu fir-Russja

Għall-aħħar tas-snin 1970 u bidu ta' snin 1980, ir-Russja kienet għaddejja min taqlib kbir. Bdiet il-bidla radikali fit-tmexxija tar-Russja. Din kienet tissejjaħ ***Glasnost.*** Din ġabet aktar liberta u fil-fatt dawk il-pajjizi li kienu ġew maħkuma mir-Russja fl-aħħar gwerra dinija bdew jieħdu l-indipendenza u jerġgħu għal ħajja ħielsa. Il-moħħ ta' wara dan kollu kien Mikhail Gorbachev li kellu jirriżenja minn Segretarju tal-partit kommunista fil-25 ta' Diċembru 1991.



## Imperatur tal-Imperu Ruman

Minn ma semax bl-Imperatur 'Charlemagne" b'ilsinna Karlu l-Kbir. Dan kien sar imperatur wara missieru fis-sena 768. Fi żmien tletin sena huwa rebaħ l-Italja ta' fuq, Spanja ta' Fuq u l-biċċa l-kbira l-Lvant u ċ-ċentru tal-Ewropa. Fil-postijiet li rebaħ kien dejjem jippromovi r-Reliġjon Kattolika kif ukoll ħadem biex iġib 'il quddiem l-arti u l-edukazzjoni. Fis-sena 800 għen biex iġib

lura lil Papa Ljun III wara li rvell kien keċċieh barra minn Ruma. B'wirja ta' gratitudni l-papa ħatru bħala Imperatur tal-Imperu Ruma f'quddiesa f'Jum il-Milied

## F'Jum il-Milied jilħaq sfitant

Kien f'jum il-Milied tas-sena 1926 li l-Imperatur Yoshihito tal-Ġapan kien miet u floku laħaq it-tifel tiegħu Hirohito li kien magħruf bħala Shōwa. Kellu biss 25 sena. Dan l-Imperatur baqa' magħruf għall-invażżjoni minn pajjizu fuq it-territorju Ċiniż li spiċċa biex fl-aħħar minn l-aħħar kienet falliment.

Għamel l-istess meta fis-7 ta' Diċembru 1941 attakka lil-Amerikani fi Pearl Harbour. Patta qares għax intużat għall-ewwel darba l-bomba nukleari li qatlet ħafna u ħafna nies. Dam jirrenja 62 sena.

## Jinqatel Dittatur f'Jum il-Milied



Bejn is-snin 1965-1989 il-politikant Nicolai Ceausescu u martu Imelda kienu jaħkmu b'kefrija kbira fuq pajjiżhom ir-Rumanija. Kienet saret rivoluzzjoni u fit-22 ta' Diċembru 1989 ħarab mill-palazz b'helikopter iżda inqabad ftit wara u kien għadda ġuri f'inqas minn jumejn. Kien propju f'jum il-Milied ta' 1989 meta Ceausescu u martu għaddew ġuri u fi ftit sigħat inqatatilhom għall-mewt. Huma ttieħdu fil-pjazza fejn ġew ixkubettjati.

Bħal ma qrajtu f'jum il-Milied dejjem hemm x'tirrakonta xi ġrajja li seħħet u li ħalliet marka fuq id-dinja. Dejjem inżommu f'moħħna li għalina l-Insara l-akbar ġrajja li ħalliet impatt fuq id-dinja kienet it-twelid tal Bambin li ġie fid-dinja biex iġib il-paċi. Pero' l-bniedem donnu ma jridx jisma' u għadu għaddej bi ħruxijiet li nisimgħu ta' kuljum fuq il-mezzi tax-xandir. J'Alla l-bniedem jiftaħ għajnejh u jieqaf mill-egojizmu tiegħu.

Il-Website tagħna toffri kuntatt
lil kull min jixtieq isir jaf aktar dwar
l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta.
Għaddi l-indirizz lil ħbiebek u qrabatek
speċjalment emigranti.

**www.presepjumalta.org**

# Il-Bambin

**Joseph C. Camilleri**
BA, DEAM, M.Ed (Pl & Mgt)

Fis-snin ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor, Malta kienet ferm differenti milli hi llum. Il-ħajja kienet taħt l-umbrella tal-knisja. Kull attivita li kienet ssir fil-bliet u l-irħula, sew f'Malta u sew f'Għawdex, kienet issir minn xi għaqda reliġjuża. Ħal Tarxien, fejn kont noqgħod jien, kien xi ftit maqtgħuh miċ-ċentri l-kbar bħal Tas-Sliema, Bormla u l-Belt Valletta. Lejlet il-Milied kien xi ftit kwiet. Filgħodu kien jum bħas-soltu. Il-ħwienet kienu jkunu mimlija daqs bajda bin-nies jixtru għaliex l-għada kienet tkun festa u l-fran biss kienu jiftħu. Kont issib xi xjuħ li jsumu. Dari kien obbligu li wieħed isum lejlet il-Milied. Id-djar kien ikollhom jew xi presepju żgħir jew grotta, aktarx dak li kien jiġi mogħti mis-soċji tal-mużew. Kont issib xi familji li kellhom xi figura kbira ta' Ġesù Bambin. Dawn kienu fil-ftit.

## Il-bambin tal-familja Callejja



Għall-ewwel il-figura tal-Bambin daħlet fid-djar tal-familji ta' ċertu livell ta' edukazzjoni. Jien niftakar żewġ bambini partikulari. Wieħed tal-familja Callejja. Din il-familja kienet toqgħod fi Triq Santa Marija, quddiem l-għalqa li wara ġiet żviluppata bħala grawnd tal-futbol u 'playing field'.

Din il-familja kellha għalliem li kien ukoll membru tal-mużew. Il-bambin tal-familja Callejja kien wieħed tip ta' Spanja. Id-daqs tal-bambin kien ta' tarbija normali. Dan il-bambin kellu id waħda merfugħa 'l fuq u kienet turi tliet swaba miftuħin, li jippreżentaw it-tliet persuni tas-Santissima Trinita. Il-ħarsa tiegħu kienet waħda li ssaħħrek.

Dan il-bambin kien jitpoġġa fuq qisu tron u fuq wara kien ikun hemm mant aħmar bil-kuruna. Il-bambin kien ikun imdawwar bil-ġulbiena. Id-dawl fuqu kien qawwi. Kollu kemm hu kien iffukat fuq il-figura tal-Bambin. Dan li bambn kien ikollu ħġieġa u għalhekk wieħed kien jista' jgawdi dan il-bambin il-jum kollu.

## Il-bambin ta' Rafel

Il-familja Bonnici Calì kienet toqgħod bieb ma' bieb mal-każin tal-banda fi Triq Paola. Aktarx dan kien l-ewwel bambin li kien hawn f'Ħal Tarxien iżejjen xi tieqa jew persjana. Niftakar li l-bambin kien wieħed mindud, imgeżwer sewwa b'biċċa bajda sliġ. Dawl qawwi kien jimla l-bambin. Dan kien il-bambin ta' tliet aħwa - membri tal-familja Bonnici Calì. Rafel

li kien restawratur kellu mħabba kbira lejn Ħal Tarxien. Ħafna mid-drawwiet ta' dan ir-raħal baqgħu mfakkra minħabba l-kitba tiegħu. Rafel jew aħjar il-Kavallier Rafel Bonnici Calì kien ta' sikwit jikteb fil-gazzetta tar-raħal li kienet tiġi ppubblikata minn żewġ kolonni kbar Tarxiniżi – il-Professur Karm Sant u Kelinu Cachia. Ħafna tfal kienu jmorru jaraw dan il-bambin għaliex kienet xi ħaġa rari u l-livell tal-persjana tal-familja Bonnici Calì kien fil-livell baxx. Għalhekk kulħadd seta' jara dan il-bambin.

Niftakar ukoll il-bambin tal-famlja Debono li Triq Paola wkoll. Dan il-bambin kellu mant kbir kbir fuq wara li kien marbut ma' kuruna. Din il-kuruna kien ikollha bozza kbira li kienet tixgħel fuq il-figura tal-Bambin. Il-familja Massa wkoll kellha bambin. Din kienet toqgħod fi Triq Birebbuġa. Niftakar li dan il-bambin kien ikun fl-ewwel kamra. Dan kien jiġi mpoġġi fuq mejda jew tavolina u fuq wara kien ikollu mant tal-bellus aħmar. Il-bambin tal-familja Massa kien ikun mdawwar fil-ġulbiena li kienet tkun bajda karti. Bejn il-plattini tal-ġulbiena kien ikun hemm xi tazza tal-kulur żgħira li kien ikollha xi xemgħa.

Maż-żmien ħafna familji Tarxiniżi bdew idaħħlu xi figura ta' Bambin fit-tiżjin tagħhom. Aħna wkoll xtrajna bambin ta' Spanja. Għall-ewwel dan il-bambin spiċċa fil-persjana fil-kamra ta' barra. Iżda wara ħafna kummenti sab ruħu fuq is-senduq fl-intrata. Hekk kulħadd seta' jgawdi dan il-bambin. Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar nara dan il-bambin sabiħ. Illum meta narmah niftakar fil-jiem ta' tfuliti. Niftakar f'ommi li kienet tħobb ħafna dan il-bambin u missieri li kellu għal qalbu l-Milied. Illum qed narmah jien, tgħid ser jibqa' jintrama sena wara sena, anke meta jien imur id-dinja l-oħra?!.


**Għall-bejgħ ktieb**

# "Ġabra tal-Leġġendi"

**miktub minn Joseph C Camilleri.**

**Jagħmel rigal sabiħ għaliex ħafna mil-leġġendi huma ta' bixra reliġjuża. Ċempel 21436090 jew 79317436.**

# Privat tal-Matematika għat-tfal tas-sekondarja

**Ikun hemm privat ukoll għat-tfal tal-Primarja**
**(fil-Malti, Ingliż u Matematika)**
**Post: 100 Triq Santa Marija Ħal Tarxien**
**Jum: Nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis**

**Ċempel 79317436**

# Il-Presepju Jġib il-Għaqda

**Marianne Tabone**

Il-Milied kien ġmielu joqrob. Minkejja l-inkwiet li kien hemm bejnha u bejn żewġha, Samantha kienet armat il-Presepju. Matul il-ġurnata kienet spiss tmur titlob quddiem il-Bambin u titolbu biex iġib il-paċi mill-ġdid fid-dar. Kienet titlob speċjalment għal Pierre, binhom, li kien qed jinbidel ma' kull jum li jgħaddi.

John kien ilu juri li nbidel tul dawn l-aħħar xhur. Sar għal kull ħaġa ta' xejn jiżbel u mbagħad iwaħħal f'martu Samantha li kien tort tagħha. Dan l-aħħar anke refa' jdejh fuqha. Ġabha qisha aċċjomu. Wiċċha mimli tbenġil u grif. Biex tkompli tikber il-biċċa l-għada kellha Parents' Day tat-tifel. Ma xtaqitx ma tmurx. Imma stħat tidher quddiem l-għalliema tat-tifel f'dik is-sura.

Iddeċidiet li aktar importanti mill-mistħija tagħha kien li tiltaqa' mal-għalliema. Qamet kmieni biex tilħaq tagħmel il-faċendi u bdiet tipprepara. Imbagħad għajtet lit-tifel biex jieħu l-kolazzjon. Dan l-aħħar Pierre kien beda jimita lil missieru. Malli ra wiċċ ommu qalilha li ma riedhiex tmur l-iskola għax kienet twaqqalu wiċċu quddiem ommijiet oħra. Qalilha li kien tort tagħha li l-Pa kien taha xebgħa. Ippruvat twaqqfu milli jkompli imma ma tax kasha.

Fl-aħħar Pierre kien lest u telaq lejn id-dar tan-Nanna fejn kien se jgħaddi l-ġurnata tal-Parents' Day. Qabel ħareġ reġa' widdeb lil ommu biex ma tmurx l-iskola u wissieha b'leħen imqit biex ma tgħid xejn anqas lin-Nanna.

Samantha ma tkellmet xejn imma kienet deċiża li l-iskola tmur żgur. U hekk għamlet. Ksiet wiċċha kollu make-up biex ma jidhirx it-tbenġil, libset scarf madwar għonqha u telqet. Jekk ikun hemm nisa oħra qabilha kienet se tagħmel ta' birruħha li kellha riħ qawwi u għalhekk kienet liebsa scarf.



Daniel Cucciardi

L-għalliema laqgħetha u bdiet tkellimha fuq it-tifel. Dan l-aħħar kien sejjer ħażin u kien sar aggressiv. Kien beda jsawwat u jgħajjar lil sħabu anke lill-bniet. Anzi speċjalment lill-bniet. L-aktar li kienet teħel ma' rasu kienet tifla ġwejda li ma kienet tagħti fastidju lil ħadd.

Samantha ppruvat titkellem imma baqgħet issummata. L-għalliema ndunat li Samantha ma felħitx titkellem. Bil-ġentilezza ħajritha tiftaħ qalbha magħha u Samantha ferrgħet dak kollu li kienet qed iżżomm moħbi. Dak il-ħin indunat li l-vittma ta' żewġha ma kinetx hi weħidha imma wkoll binha li beda jimita lil missieru. Waħħlet moħħha li tieħu lit-tifel u titlaq mid-dar.

Malli waslet id-dar marret quddiem il-Presepju li kien diġa armat u ntefgħet fl-art għarkupptejha quddiemu titlob li ma jkollhiex bżonn titlaq mid-dar. Pierre kien għadu għand in-Nanna. Ma kien jixba' qatt hemm. Dak il-ħin daħal kmieni aktar mis-soltu r-raġel. Kienet għadha ma qamitx minn quddiem il-Presepju. Ħares lejha u nħasad. Bid-dmugħ il-make-up kien niżel u t-tbenġil u l-grif deher kollu. Hi nħasdet malli ratu quddieha dak il-ħin. Deher inkwetat u għajnejh kienu jleqqu.

Rabbiet il-kuraġġ u qaltlu li kien beħsiebha titilqu. Bla ma waqfet xejn irrakkuntatlu dak li kienet qalet l-għalliema fuq binhom. Issa kienet qegħda tinħass li qegħda taqta' nifisha. Hu baqa' ħdejha jisma' biss. It-tnejn kienu ħdejn il-presepju. Wiċċ ir-raġel kien sar abjad karti u deher li ma felaħx jgħid kelma.

Samantha qamet bil-wieqfa u stenniet ħa tara x'kien se jgħid. Ħarset lejh u ndunat li kien qed jibki. Inħasdet. Staqsietu kienx marid. Minn taħt l-ilsien stqarrilha li dakinhar kien tkellem ma' saċerdot ħabib tiegħu. Bla ma jaf kif sab ruħu jistqarr kif kien iġib ruħu magħha. Tkellmu fit-tul u rrealizza kemm kien qed jagħmel ħażin. U issa aktar u aktar kien sogħbien li kien diġa ta eżempju ħażin lil Pierre.

Talabha taħfirlu u tagħtih ċans jibdel ħajtu. Qorob lejn il-presepju u b'leħen imqanqal talab lill-Bambin biex ikun miegħu u jgħinu jrażżan lilu nnifsu. Wegħedha li l-inkwiet tax-xogħol kien se jibda jħallih warajh.

Tgħannqu u reġgħu stqarru mħabbithom lejn xulxin quddiem il-presepju. It-tnejn ħassew li l-Bambin kien sema' talb Samantha u ressaq lilha u lil żewġha lejn is-sinjifikat veru ta' żwieġ nisrani.






# Il-Milied jista' jkun għal dejjem

**Emanuel Scicluna**

Il-paċi hi l-qalb tal-messaġġ tal-Milied. Kristu ġie fid-dinja biex iġib il-paċi lil kull raġel jew mara. Ġie bħala l-Prinċep tal-paċi. U l-kelma paċi saret ħaġa waħda kemm mat-twelid u l-mewt ta' Kristu.

F'Betlem fil-jum tat-twelid tiegħu, l-anġli kantaw "Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lil-bnedmin ta' rieda tajba". Xi tlieta u tletin sena wara dan il-jum, hekk kif qam mil-mewt qal dawn il-kelmiet lill-appostli: "il-Paċi magħkom. Hekk kif il-Missier bagħat lili hekk jien nibgħat lilkom".

Din hi l-missjoni ta' kull wieħed u waħda minna: li nieħdu l-paċi ta' Kristu f'qalbna u fi djarna u minn hemm tinfirex f'kull parti tad-dinja. Nafu li l-paċi ta' Kristu hi xi ħaġa speċjali. Qalha hu stess: Il-Paċi li nagħtikom mhix il-paċi li tagħtikom id-dinja. B'liema mod jagħti Ġesù? Jagħti kollox. Jagħti lilu nnifsu. Jagħti l-imħabba. U nafu li Alla hu mħabba. San Ġwann kiteb ..... "Alla tant ħabb lid-dinja li ta lil ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem."

Il-Milied għalhekk hu festa ta' paċi, festa li tagħti, festa ta' mħabba. L-imħabba ta' Alla għalina u tagħna għaliH u ta' bejnietna. Qaddis għaref li għex fl-ewwel sekli tal-era nisranija. Sant' Irnew kiteb: Il-Kelma t'Alla Ġesù Kristu, minħabba l-imħabba kbira li kellu għall-umanita, sar bniedem bħalna biex aħna insiru bħalu.

Għalhekk dan il-Milied, tajjeb li nittieħdu minn Ġesù li ta kollox. Ejjew nagħtu ftit ħin: Forsi għandna xi ħabib li jinsab waħdu. Inżuruh u ngħaddu ftit ħin nitkellmu miegħu. Xi qraba li jinsabu fl-isptar jew f'xi djar tal-anzjani. Ikunu jistennew bil-ħerqa l-ħin tal-viżti biex jitkellmu ftit ma' qrabathom jew mal-ħbieb. Ejjew nagħtu t-tama. Irridu naħsbu fuq id-dinja u nistaqsu lilna nfusna kemm qed nagħtu tama lil dawk li ġejjin warajna. Nitkellmu ħafna dwar it-tniġġiż li hawn fid-dinja iżda ftit li xejn qed isir xi ħaġa. Għadna nqaċċtu siġar bl-adoċċ, nferrgħu fix-xmajjar u fl-ibħra sustanzi li jeqirdu l-ħajja, nużaw pestiċidi li joqtlu l-insetti u joqtlu ukoll l-annimali u l-għasafar li jgħixu fuqhom. Il-ġirja tagħna biex inkunu nistgħu ngħixu aktar fil-kumdita qed iġġiegħelna naħlu r-riżorsi tad-dinja. U biex aħna nkunu komdi ma nagħtux każ li hemm miljuni ta' nies li jgħixu fil-miżerja biex ftit minnha ma jonqoshom xejn. Ejjew nagħtu l-paċi. Naħfru lil xi ħadd li weġġgħana. Dik il-weġgħa għadna nħossuha u nixtiequ npattuha. Nagħtu eżempju liż-żgħar. Kemm tisma' kbar li meta wliedom jaqilgħu xi daqqa flok ma jitkellmu magħhom u jaraw x'ġiegħel lil dak li jkun li tah daqqa, jgħidulu "U int qisek ċapsa, jekk ma tlaħħaqx b'idejk għax ma sibtx xi dimonju u twaħħalhielu biha. B'dan il-mod inkunu qed indaħħlu fl-imħuħ taż-żgħar li l-qawwi hu dak li jpattiha meta l-vera qawwa tinsab f'qalb dak li jaħfer. Meta toqgħod tqisha tistaqsi: Liema hi l-ikbar ħaġa faċli, li tpatti jew li taħfer? U tweġiba hi li taħfer u taħfer mhux bil-fomm biss iżda bil-fatti. Ejjew nagħtu minnha nfusna. Hi ħaġa tajba li nagħtu milli għandna biex tfal li qed jgħixu fl-orfanatrofji jew istituti jkunu jistgħu jgħixu aħjar. Iżda barra milli nagħtu nistgħu mmorru nżuruhom, forsi nsiru ħbieb tagħhom u jibdew it-triq tal-fejqan jekk ihossuhom li d-dinja kienet kiefra wisq magħhom. Nistgħu nagħtu daqqa t'id. Min irid jgħin jaf isib il-mezzi. Basta li jkollok

ir-rieda.

Ejjew nagħtu l-imħabba u b'dan il-mod il-ferħ tal-Milied jibqa' f'qalbna tul is-sena kollha.

Ejjew nagħtu mill-ħin tagħna. Għal ħafna il-ħin ifisser flus. Time is money jgħidulek. M'għandix ħin x'naħli. Anki wliedna kultant indawruhom b'dak kollu li jeħtieġu u dak li jridu ma nagħtuhomlhomx. Iridu ftit ħin tagħna. Iridu jitkellmu ftit magħna, iridu li nilagħbu ftit magħhom. Issib ħafna li jirraġunaw: Ma nafx x'jippredendu. Naħdem minn filgħodu sa' filgħaxija, ma jonqoshom xejn u fratttant jinkwetawni tgħidx kemm. Naħsbu li bil-flus u bil-kumdità nkunu ħlisna mill-obbligi tagħna. L-obbligi tagħna lejn uliedna huma li barra l-ħwejjeġ materjali ntuhom ukoll il-valuri. Il-valuri ma tippriedkomx biss, iżda trid twettaqhom. Inutli li titkellem fuq is-sens tar-rispett meta fik ma jezistix.

Wieħed li kien jgħix f'hotel irħisa minħabba l-ħtiġijiet tiegħu kellu drawwa li kull Milied jagħmel ikla kbira għal dawk, li kieku ma kienx ikun hu, kienu jgħaddu jum il-Milied imsakkrin f'kamrithom flimkien mas-solitudni tagħhom. U hawn ħafna li jħossuhom waħedhom.

Kif tagħti tama

Il-poeta Ingliz Christopher Fry kiteb din il-poezija:

Fl-iktar żmien mudlam tas-sena<br>
Fl-ifqar post tal-belt<br>
Fil-kesħa u fil-biża'<br>
Raġel u mara waħedhom<br>
F'hix setgħu jittamaw?<br>
Iktar dawl milli nistgħu naraw<br>
Iktar saħħa milli qatt kellna<br>
Iktar imħabba milli nistgħu nagħtu jew naqilgħu<br>
Iktar paċi milli qatt nistgħu inkejlu<br>
Għaliex twieldet tarbija.

Darba waħda, wieħed li jaħdem fix-xandir fl-Awstralja sema mara tkanta għanja tal-Milied. Waqaf u ra mara xwejħa żżom xemgħa mixgħula f'idejha u tkanta bil-ferħ. Kellimha u staqsieha għaliex kienet qed tkanta. Qaltlu li kienet qed tiċċelebra l-aħħar Milied ta' ħajjitha. Kienet taf li fi żmien qasir kellha tmut. Ispirat minn dak li kienet qaltlu din il-mara għamel appell biex in-nies tingħaqad miegħu biex ikantaw fit-toroq l-għanjiet tal-Milied waqt li jżommu xemgħa mixgħula f'idejhom. U din l-iniżjattiva saret tradizzjoni.

## Li nagħtu l-paċi....

Bit-tislima tagħna, il-Milied it-tajjeb nixtiequ minn qalbna Milied ħieni, mhux fix-xorb jew fit-tbaħrid iżda fil-ferħ ġenwin.

## Li ngħixu fis-sliem

Tul l-ewwel gwerra dinija l-armati tal-Allejati u dik Ġermaniża kienu jinsabu fit-trunċieri lesti għal xulxin. Wieħed suldat li kien għassa sema fil-bogħod il-kant tal-għanja O lejl ta'skiet. Beda jkanta waħdu. Ftit wara oħrajn ngħaqdu miegħu sakemm is-suldati kollha fit-trunċieri bdew ikantaw din l-għanja. Is-suldati Ġermaniżi ċapċulhom u għajtu bil-ferħ u huma wkoll bdew ikantaw l-għanja bil-Ġermaniż u komplew il-lejl kollu jkantaw l-għanjiet tal-Milied. Mat-tbexbix dan is-suldat ra xi dawl inemnem riesaq lejh ġej min-naħa tal-Ġermaniżi u ra suldat Ġermaniż riesaq lejh iżomm f'idejh siġra żgħira mixgħula bix-xemgħat. Ixxabbat fuq il-barbed

wire u għajjat "Il-Milied it-Tajjeb" u s-suldati kollha ħarġu mill-kenn tagħhom u ngħaqdu mas-suldati Ġermaniżi u għannqu lil xulxin u qasmu dak li kellhom, sigaretti, ċikkulata u ikel.

Il-ġenerali taż-żewġ naħat meta semgħu b'din il-waqfa mhix awtorizzata neħħew lis-suldati minn fejn kienu għax indunaw li dawn qatt ma kienu ser jisparaw u joqtlu lil xulxin la darba qasmu flimkien il-ferħ tal-Milied. L-għada reġa beda l-bumbardamenti u l-qtil. Iżda għal ġurnata waħda f'dawk l-inħawi imdemmija kienet seħħet il-paċi.

Jirrakuntaw li fil-belt Irlandiża ta' Dublin, mara li kienet ħierġa mill-ħwienet mgħobbija bil-pakketti tar-rigali waqfet tħares lejn wieħed xwejjaħ liebes imqatta' u jterter bil-bard. Tagħtu xi flus u kif kienet qed tagħmel hekk żagħżugħa neħħiet ix-xalla li kellha ma għonqha u dawritha ma' għonq ix-xwejjaħ u telqet inkiss inkiss.

Il-Milied hu għal dejjem meta l-għanja tal-anġli tiskot,
Meta l-kewkba fis-sema tintefa',
Meta s-slaten imorru lura f'darhom
Meta r-rgħajja jerġgħu lura mal-merħliet tagħhom
Imbagħad jibda x-xogħol tal-Milied.

Ix-xogħol tal-Milied hu li twettaq l-opri tal-ħniena u tagħmel bħas-Samaritan li ma qagħadx iħares jekk kienx Samaritan bħalu jew Lhudi biex ħenn għalih.

*Il-Kumitat*
*tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju*
*(Malta)*
*jawguraw*
*il-Milied u s-Sena t-Tajba*
*lill-membri u l-familjari tagħhom*
*kif ukoll lil dawk kollha*
*li għandhom għal qalbhom*
*il-ferħ u l-paċi*
*tat-twelid ta' Ġesù Bambin*

# Iċ-ċkejkna Gretchen u żarbuna tal-injam

**ta' Elizabeth Harrison**

**maqluba għall-Malti minn Frans Chircop**

Darba waħda, kien hemm tifel ta' seba snin kien jismu Wolff . Il-ġenituri tiegħu kienu mejta. Minħabba f'hekk kien jgħix ma' zitu supperva u xħiħa. Qatt ma bisitu iktar minn darba f'sena. Kienet tħossha bi tqila meta tagħti xi skutella brodu lil dan it-tifel. Minkejja kollox kien iħobbha ħafna lil zitu li kienet mdaħħla fiż-żmien. Kien jibża' minnha u kien jitriegħed bil-bard meta kien iħares lejn wiċċa.

Minkejja li ż-żija ta' Wolff kienet magħrufa li kellha d-dar tagħha u anke kalzetta tas-suf mimlija bid-deheb xorta bagħtitu fi-skola tal-karita. Biex tiffranka l-flus irranġat mas-surmast tal-iskola biex jaċċetah liebes imċerċer kif kien. Dan is-surmast, li kien bniedem ħażin, tħawwad meta ra lil dan it-tifel hekk liebes ħażin. Kien spiss jikkastigah inġustament , u anke dawwar t-tfal kontra dan it-tifel. Inżerta li tliet subien , tfal minn ġenituri sinjuri kienu jiddieħku bih. Spiċċa biex dan it-tifel iżola lilu nifsu u kien imur jibki f'xi rokna speċjalment fi żmien tal-Milied. Kienet id-drawwa tal-kap tal-iskola li jieħu l-istudenti kollha għall- quddiesa ta' nofsillejl lejliet il-Milied.

Din is-sena x-xitwa kienet qalila ħafna , u l-borra kienet ilha nieżla għal ħafna ġranet. It-tfal tal-iskola kien mlibbsin ħafna u msaħħna sew. Kellhom ġgieget ikkuttunati , ingwanti tas-suf, kif ukoll boots oħxon. Dan il-povru Wolff mar l-iskola liebes il-ħwejjeġ ta' kuljum, par kalzetti rqaq ġo żarbun tal-injam. Dan it-tifel tant kien jogħrok is-swaba ta' jdejh li lanqas kien qed jagħti kas tal-kummenti li kienu qegħdin jagħddu sħabu tal-klassi. Mxew lejn il-knisja tnejn tnejn wara s-surmast. Fil-Knisja kien hemm atmosfera tal-ġenn b'dawk ix-xemgħat mixgħula u l-kant tal-kor tat-tfal. Kien hemm ferħ kbir. It-tfal hekk kif spiċċat il-funżjoni bdew jitkellmu x'ser jistennihom id-dar. Dak l-ikel abundanti, il-ġugarelli li ser jaqilgħu, il-parties li ser jattendu. Il-povru Wolff kif sema' hekk ftakar f'kull Milied li qatta' hu għand żitu. Dritt għal ġos-sodda bla ikel u bla rigali.

Dis-sena ċ-ċkejken Wolff, bil-fidi ta' tifel innoċenti kien jittama li l-Bambin ma kienx ser jinsieh din is-sena. U għalhekk hu kien ippreparat biex jagħmel iż-żarbuna tal-injam fejn il-fuklar biex jittama li l-Bambin iġiblu xi rigal. Hekk kif il-quddiesa ta' nofsillejl spiċċat kulħadd bewweġ lura lejn id-dar għal dik ix-xi ħaġa sħuna li ddur maż-żokkra. Wolff induna li fil-loġġa kien hemm tifel liebes libsa bajda rieqed ħafi, saqajh kienu diġa koħol bil-kesħa ta' dak il-lejl. Ħdejn dan it-tifel, li kellu dehra li ssaħħrek, kien hemm kaxxa tal-għodda. Sa dan it-tant, sħab Wolff għalkemm innutaw lil dan it-tifel rieqed u ħafi baqgħu għaddejjin. Mhux hekk għamel Wolff. Neża' waħda miż-żraben tiegħu u libbisha liċ-ċkejken tifel. Mar id-dar kif seta' u hekk kif ratu zitu b'żarbuna waħda bdiet tgħajjat miegħu.

Tant għajtet miegħu talli għamel dak il-ġest mat-tifel ċkejken li lagħbitlu daqqtejn fuq widnejh u bagħtitu jorqod, Qaltlu ukoll li kienet ser tpoġġi ż-żarbuna li kellu fuq il-fuklar biex hekk kif jiġi l-Bambin ipoġġilu xi ħaġa iebsa biex issawtu biha. Qaltlu ukoll li l-għada filgħodu kienet ser ittiħ ħobż niexef għall-kolazzjon. Wolff mar jorqod wara bikja kbira. L-għada

filgħodu, Wolff qam maħsud bl-għajjat ta' żitu. Din kif niżlet isfel, baqgħet mistagħġba bix-xena li rat. Fejn il-fuklar rat ħafna ġugarrelli u ħwejjeġ sbieħ imdawrin maż-żarbuna ta' Wolff kif ukoll iż-żarbuna li kien ta lit-tifel ta' fuq il-loġġa. B'għaġeb kbir fuqha, iz-zija ħarġet barra u rat lin-nies tar-raħal mdawrin mal-funtana. X'kien ġara?

B'għaġeb kbir, it-tfal tas-sinjuri kienu sabu faħma fil-kalzetti tagħhom minflok ir-rigali sbieħ li kienu poġġewlhom fihom il-ġenituri. Wolff u zitu beżgħu hekk kif raw dik ix-xena. Minnufih deher il-qassis kollu mistagħġeb u wiċċu jixgħel. Dan il-qassis beda juri lill-miġemgħa li fejn kien rieqed dak it-tfajjel fuq il-bank ta' ħdejn il-knisja, liebes l-abjad, naqra 'l fuq kien hemm diadema tad-deheb imnqqaxa fil-ħajt. Hekk kif il-miġemgħa semgħet hekk kollha iddispjaċihom u biddlu l-atitudni tagħhom lejn Wolff. It-tfal indunaw li dak it-tifel ma kienx ħlief il-Bambin ta' Betlem li f'dak il-lejl ta' bard u kesħa kbira, kien Wolff biss li ħenn għalih.

*F'dawn il-ġranet ta' ferħ ma ninsewx niftakru f'ħutna tal-kumitat, membri, qrabat u ħbieb tagħna li ħallew din id-dinja biex jiċċelebraw it-twelid tal-Bambin fil-preżenza tiegħu fil-ġenna.*

*Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom, jistrieħu fil-Paċi, Hekk Ikun.*



# Il-Miġja tal-Messija

**Joseph Bonnici**

Il-Miġja Tal-Messija
Sa mill-bidu kien tħabbar mill-profeti,
il-ħellies tal-ġnus kollha tad-dinja;
ma' l-ewwel dnub tnehdiet il-wegħda tiegħu,
biex teħlisna ħa tagħmilna hienja.
Iżda l-għama ma tħalliniex naraw,
biex għas-salvazzjoni nipppreparaw.

Għala fil-presepju biss nippreżentawh?
Għax fl-għamla tagħhom iġorru xi ħsieb!
Tgħid b'dawn is-suriet irridu niftakruh?
li mhux biżżejjed biex ruħna titjieb!
Għalkemm fil-wirjiet hemm devozzjoni!
Nemmnu fil-Missier il-kreazzjoni?

Jagħmel sens li fiż-żmien imqalleb tallum,
dak li gie miktub u qabel spirat,
li hu jiġi fqir u jitrabba f'biża',
m'għandux għalfejn ikun ikkunsidrat!
Tgħid it-tbatija hi frott tal-ħelsien?
Ġħax bħal Re seta' warrab dat-telfien!

Ejjew mela ma nħallux dal-ferħ jgħaddi,
bla ma nifhmu x'ifisser il-Milied;
ejjew ninbidlu biex neqirdu ħażen,
li dejjem ħalliena fi stat ta' ġlied.
Żgur ma rridux lill-miġja tkun  darba,
u ninsewha biex tgħaddi bil-ħarba.

10-8-1998



Alfred Grima

# Paġna tat-Tfal

Marianne Tabone

# Ma Nagħmel Xejn Għal Xejn

Charmaine kienet tifla gustuża ,brava fl-iskola, ġejja minn familja tat-tajjeb u ma jonqosha xejn. Kont dejjem taraha tagħmilha ma' tfal li kienu dejjem minn ta' quddiem fil-klassi. Barra mill-iskola dejjem liebsa ħwejjeġ tad-ditta anke biex tmur sal-bandli. Darba waqgħet u ċarrtet libsa li minn jaf kemm qamet flus. Bkiet għax barxet xi ftit irkoppitha imma meta wahda mit-tfal ippuntatilha lejn il-libsa kull ma qalet kien li ma kienx jimporta għax il-Mama kienet tixtrilha oħra.

Tgħidx kemm irrabjat meta ġiet tifla ġdida fil-klassi. Din kien jisimha Fatma. Meta l-għalliema qalet b'dan lill-klassi diġa għajnha għokrita. Dak l-isem, Fatma, ma kienx isem Malti. "Nispera li mhix se tkun tifla li twaqqa' l-livell tal-klassi," qalet ma' ħbieba waqt il-break.

L-għada fil-għodu wara t-talba ġiet il-Kap tal-iskola fil-klassi. Magħha kien hemm tifla ta' karnaġjon skur. Kienet liebsa uniformi li kienet tidher xi ftit imqabra. Charmaine ħarset lejha qisha kienet qegħda tara aljena moqżieża. Tkerrħet u ħarset lejn ħabiba li daqsha kienet tippretendiha.

Il-Kap tal-Iskola widdbithom biex jilqgħuha u jagħmlu ħbieb magħha. Qaltilhom li kienet se tħalli fil-qalb twajba tagħhom u spjegat li Fatma kienet għada kif waslet ma' ħafna immigranti fuq dgħajsa mil-Libja. Kellha bżonn kumpanija u sapport għax kienet tilfet lil ħuha li kien għereq waqt il-vjaġġ.

Meta telqet, l-għalliema ġabet lil Fatma ħdejha, għanqitha u qaltilha li hawn kienet se ssib ħbieb ġodda. Assigurata li kulħadd kien lest li jħobbha. Imma ħarsa lejn Charmaine u lejn seħbitha kienet biżżejjed biex turiha li ma kinitx se ssib appoġġ minn għand dawk it-tnejn.

Wara t-tieni break l-għalliema ħadet ħsieb li Fatma tmur fil-bitħa ma' tfal li kienu lesti li jkunu ħbieb magħha. Setgħu jikkomunikaw għax Fatma kienet taf titkellem xi ftit bl-Ingliż. L-għalliema żammet lil Charmaine fuq biex tkellimha. Bdiet turiha li hi kellha kull ma kienet tixtieq. Ma kien jonqosha xejn. Kienet tgħix f'dar sabiħa, kellha ħwejjeġ kemm trid. Waqt li Fatma ma kellha xejn. Anke l-uniformi li kienet liebsa kienet tagħtilha familja. Ippruvat tħajjarha tagħmel ħbieb magħha.

Charmaine dehret li ma tantx impressjonat ruħha. B'leħen biered staqsiet lill-għalliema, "Hi x'se tagħtini? Jien ma nagħmel xejn għal xejn!"

L-għalliema mank felħet tkellimha imma biss fakkritha li kienet waslet il-festa tal-imħabba – il-Milied. L-akbar Kmandament li tana Gesu kien li għandna nħobbu lil xulxin. Fakkritha li dalwaqt kienu se jibdew jarmaw il-Presepju fil-klassi. Staqsietha kif setgħet tħares lejn il-Bambin jekk ma tħennx għal dik it-tifla. Charmaine dendlet geddum sal-art u ma qalet xejn.

Charmaine baqgħet infansta sakemm spiċċat l-iskola. Donnu x-xitan ma ħamilx. Dakinhar tifel li kien ilu mqabbad magħha għax kienet tħobb tgħajru kien waħħalha f'rasu li jpattilha ta' kemm kienet imkabbra u kiesħa. Stenniha f'tarf it-triq fejn kienet titlaq lil ħbiebha u mar

għal fuqha. Taha gambetta, tajrilha l-basket u beda jagħtiha bis-sieq. Imma f'daqqa waħda qisha għafrid ġiet b'ġirja Fatma. Imbuttat lit-tifel u ġibdet lil Charmaine. It-tifel qam mill-art u ħarab.

Fatma wasslet lil Charmaine sad-dar. Malli fetħet il-bieb ommha dehret tissomma. "Hemm lil min ġibt miegħek? Mela aħna ħbieb tas-suwed?" Charmaine spjegat fil-qasir x'kien ġara. Sadanittant Fatma kienet indunat li l-omm xejn ma kienet ferħana u għalhekk sellmet u telqet.

Dik il-ġimgħa bdew jarmaw il-Presepju fil-klassi. L-għalliema għamlet lil Fatma u lil Charmaine fl-istess grupp biex jarmaw il-Presepju. Charmaine kien ilha li bidlet il-fehma fuq Fatma. L-għalliema wkoll indunat u kienet tinkoraġġihom biex ikunu flimkien. Fl-aħħar Charmaine kien irnexxiela tipperswadi lil ommha biex tibdel l-attitudni tagħha lejn Fatma.

Meta l-armar tal-Presepju kien lest, it-tfal kienu jinġabru quddiemu u jitolbu. Charmaine u Fatma kienu jħobbu jmorru flimkien. Kulħadd induna kemm Charmaine kienet saret tħobb lil Fatima. Imma saru jafu l-istorja kollha meta Charmaine irrakkuntat kollox lil Ġesú Bambin. Imbagħad għanqet lil Fatma u talbet lill-Bambin Ġesú jżomm idejh fuqha.

Dik it-talba żgħira quddiem il-Bambin fil-maxtura kienet mismugħa. Issa li t-tfal tal-klassi saru jafu bil-qlubija li kienet uriet Fatma kollha saru ħbieb tagħha. Kien hemm min ġab ħwejjeġ tajbin li tawhom lill-għalliema biex tagħtihomlha hi.

Il-Presepju dik is-sena ma serviex biex iżejjen il-klassi. Serva biex ġab għaqda u mħabba bejn it-tfal. Anke omm Charmaine fehmet li l-qalb tgħodd u mhux il-kulur tal-ġilda. Meta qorbu l-vaganzi ġabet ħafna ikel fil-klassi u ħadet ikla tajba lill-familja ta' Fatma.



# Is-siġra tal-Milied

JoeCarm



Meta kont żgħir, konna ngħixu f'dar fi Triq Santa Marija, Ħal Tarxien. Missieri kien xufier fuq il-karozzi tal-linja ta' Bormla u ommi mara tad-dar. Jum wieħed, missieri ġie lura d-dar b'kaxex kbar u żgħar. Ma kellux il-ġuħ tas-soltu. Daħħal il-kaxex fil-kamra ta' barra, sejjaħli u meta dħalt fil-kamra sibt siġra artifiċjali tal-Milied, xi kaxex b'ġugarelli tal-ħġieġ Ġermaniż u kaxex tas-settijiet tad-dawl.

Għajnejja nfetħu beraħ. Kien ser ikollna siġra tal-Milied. Il-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira kienu żewġ festi kbar f'qalb missieri. Barra dawn, kien hemm il-festa ta' Santa Katarina billi hu kien Żejtuni mija fil-mija, għaliex hekk kien jgħid ma' kulħadd. F'dawk iż-żminijiet, is-snin ħamsin tas-seklu għoxrin, aħna kellna diġà l-presepju. Naturalment xi ftit pasturi kien hemm ukoll. Dawn kienu tat-tafal iżda l-figura tal-Bambin kienet tax-xema. Il-kamra tal-ikel konna nżejnuha bil-karti, l-aktar ħomor u ħodor, il-kuluri tal-Milied, hekk kienet tgħid ommi. Konna ndendlu xi bżieżaq u wiċċ 'Father Christmas' kif ukoll wiċċ anġlu, qisu xi wieħed Ġermaniż jew ġej mill-Iskozja. Daqshekk, ma kienx hemm anġli Maltin! F'lejlet il-Milied konna narmaw il-bozoz fil-gallarija għaliex minn quddiemna kienet tgħaddi l-purċissjoni tal-Bambin. Dak kien it-tiżjin kollu tal-Milied.

## Is-siġra tal-Milied

Is-siġra tal-Milied kont naraha għand iz-ziju Wiġi, hu missieri, li kien joqgħod iż-Żejtun u kien iżejjinha fil-kurritur fost tiżjin ieħor tal-Milied. Is-siġra tal-Milied kont naraha fuq il-kartolini tal-Milied u fuq xi ktieb li kelli biex naqra, bl-Ingliż, naturalment. Ommi kienet kontra din l-imbierka siġra. Għaliha l-Milied kien ifisser presepju u forsi xi Bambin prim, xi wieħed Spanjol.

Wara li kilna, erġejna morna fil-kamra ta' barra. Missieri fetaħ il-kaxxa tas-siġra tal-Milied. Mal-ewwel poġġieha f'kaxxa tal-injam, li kienet magħha u beda jiftaħ fergħa fergħa. Dehret vojta f'għajnejja. Wara ġew il-bozoz. Dan is-sett kien wieħed kbir u kien magħmul minn xi 24 bozza. Kull bozza kienet ta' lewn wieħed jew aħmar, isfar jew aħdar. Bozza



minnhom kienet kbira u ta’ lewn abjad. Missieri qalli li kienet il-‘pilot lamp’. Ġo pakkett ieħor kien hemm 3 bozoz u bozza ‘pilot lamp’ oħra. Missieri waħħlilha plakk u wara beda jpoġġi bozza bozza fuq il-fergħa tas-siġra. Xegħlha u tefa’ l-kamra. Kienet l-ewwel esperjenza tiegħi tal-maġija tas-siġra tal-Milied.

Tixgħel u titfi, tixgħel u titfi. Tassew maġika. Meta xegħel mill-ġdid il-kamra kulħadd deher ferħan, anke ommi! Ma nafx kif, tant kemm kienet kontra s-siġra tal-Milied! Missieri poġġa t-tieni sett bozoz. Dan is-sett kien ikollu l-bozoz kbar. Kull bozza kellha għamla differenti. Kull bozza kellha kulur differenti. Poġġa s-siġra tal-Milied f’rokna, xegħlha għal ftit u morna ndabbru rasna bejn il-friex. Kien daħal il-ħin sewwa. Missieri kien xogħol l-għada iżda wiċċu kien ferħan għax kellna xi ħaġa ġdida dak il-Milied.

## L-għada filgħaxija

Filgħaxija wasal. Missieri ġie lura mix-xogħol. Kiel u daħal fil-kamra ta’ barra. Kellu ħeġġa kbira! Fetaħ kaxxa ġugarelli li kien fiha tnax-il ballun tal-ħġieġ ta’ lewn differenti. Rabat ħajta ħoxna mat-toqba ta’ kull ballun u dendel ballun, ballun mal-fergħat tas-siġra. Bil-mod il-mod is-siġra kompliet tieħu r-ruħ. Fetaħ it-tieni kaxxa. Din id-darba kienet kaxxa iżgħar minn tal-ewwel u fiha kien hemm tliet għasafar kbar, tliet flammingi bojod, u tliet faqqiegħ kbar. Kollha marru fuq il-fergħat tas-siġra. L-aħħar kaxxa kienet waħda żgħira u tawwalija. Fetaħha u sab nofs ballun u xi ħaġa li tagħti għall-ponta qisha kampnar. Din poġġiha fuq fergħa li kienet tagħti ‘l fuq, dritta dritta qisa trid tasal tas-sema.

Kemm damet

Meta bdejt naqla’ xi rigal kont inpoġġieh taħt din is-siġra. Meta konna nirċievu xi kartolina konna npoġġuha taħt is-siġra. Is-siġra baqgħet hemm sal-festa tat-Tre Re. Wara spiċċat fil-kaxex fil-kamra ta’ fuq il-bejt tistenna Milied ieħor.

Il-presepju sar xorta waħda. Il-familja ngħabret ukoll madwar il-presepju kull filgħaxija. Il-kamra tal-ikel xorta żejjinniha bil-karti ħomor u ħodor. Kollox sar bħas-soltu. Dik is-sena bdiet in-namra tiegħi mas-siġra tal-Milied. Darbejt biss ma armajthiex is-siġra tal-Milied. Dan kienu snin meta kienu mietu missieri u ommi. F’dawk is-sentejn ħriġt biss ftit pasturi – il-Bambin, il-Madonna u San Ġużepp u poġġejthom fuq tavolina bi ftit dawl abjad karti. Ma’ kellix aptit ta’ l-ebda siġra tal-Milied.

Illum jien narma d-dar għall-festi tal-Milied. L-ewwel li narma hu l-presepju. Wara jiġi l-Bambin u warajh is-siġra tal-Milied. Dak huma jiem sbieħ tal-Milied, festi li l-familja tgawdi flimkien madwar il-presepju, Bambin u s-siġra tal-Milied!


A Fabulous
PARTY
DESERVES ONLY THE
BEST VENUE!
MonteKristo Estate is the ultimate location for your special event this festive season. A venue that's ideal for adults and kids alike.
~ Christmas Eve at the Pizzeria ~
Price €35 per person, with complimentary welcome drink (mulled wine)
~ Christmas Early Breakfast ~
Price €17.50 per person
~ Christmas Day Lunch at the Pizzeria ~
Price €35 per person includes a welcome drink (mulled wine)
~ Christmas Day Buffet Lunch ~
Price €35 per person
~ New Year's Eve & New Year's Day at the Pizza & Pasta House ~
Price €35 per person, with complimentary welcome drink (sparkling wine)
(Kids between 6 and 12 years pay half price)
NOW ACCEPTING BOOKINGS FOR STAFF PARTIES AND LARGE GROUP EVENTS.
For more information kindly call 2203 3000 or email to info@montekristo.com
MONTEKRISTO
ESTATE